# Qorti Civili
# (Sezzjoni tal-Familja)

**Onor. Imhallef Robert G. Mangion, LL.D.**
**Dip.Tax (MIT), P.G.Dip. Mediation (Melit.)**

**Illum 27 ta' April 2017**

Rikors Guramentat Nru. 15 / 13RGM

Kawza fil-lista: 17

**A B**
**vs**
**C *sive* D B**

**Il-Qorti,**

Rat ir-rikors guramentat pprezentat mill-attur li permezz tieghu ppremetta u talab is-segwenti:-

1. Il-kontendenti zzewgu fl-erbgha u ghoxrin (24) ta' Frar tas-sena elf disa' mija u disghin (1990).

2. Minn dan iz-zwieg twieldu zewgt itfal, u cioe' Kayleigh, illi twieldet fl-ghaxra (10) ta' April tas-sena elf disa' mija erbgha u disghin (1994) u Nicole illi twieldet fl-ewwel (1) ta' Novembru tas-sena elf disa' mija sitta u disghin (1996). Filwaqt illi Kayleigh B llum hija maggorenni, Nicole B ghadha minorenni.

3. Il-konvenuta rrendiet ruhha responsabbli, fil-konfront tar-rikorrenti, ta', inter alia, adulterju, abbandun, eccessi, mohqrija, theddid u offizi gravi; inoltre, il-hajja flimkien, tal-kontendenti ma ghadhiex aktar possibbli stante illi z-zwieg taghhom tkisser irrimedjabbilment ghal ragunijiet unikament imputabbli lill-konvenuta.

4. Il-kontendenti, minhabba l-premess u minhabba n-non-kuranza tal-konvenuta versu r-rikorrenti u kif ukoll versu z-zwieg ta' bejniethom infirdu de facto fil-hdax (11) ta' April tas-sena elfejn u hdax (2011).

5. Minkejja l-isforzi estenwanti tar-rikorrenti matul dawn l-ahhar xhur sabiex jintlahaq ftehim mal-konvenuta dwar il-firda personali ta' bejniethom l-istess ftehim baqa' ma sehhx unikament sforz ir-reticenza assoluta tal-konvenuta ghal ragunijiet taghha stess, illi tirrizolvi d-differenzi bejn il-kontendenti. Ghaldaqstant kellha ssir din il-kawza.

6. Ai termini ta’ digriet datat erbgha (4) ta' Jannar tas-sena elfejn u tlettax (2013) [digriet numru 1516/12 in atti tal-ittra numru 1542/11 EC], ir-rikorrenti gie debitament awtorizzat minn din l-Onorabbli Qorti sabiex jipprocedi b'din il-kawza.

7. Ir-rikorrenti jaf personalment b'dawn il-fatti kollha.

Tghid ghalhekk il-konvenuta intimata ghaliex, previa kull dikjarazzioni opportuna u moghtija dawk il-provvedimenti kollha necessarji fic-cirkostanzi tal-kaz, din l-Onorabbli Qorti m'ghandiex:

1. Tiddikjara lill-konvenuta unikament resposnabbli ghat-tkissir taz-zwieg odjern ghal dawk ir-ragunijiet kollha indikati fir-rikors odjern, jew liema minnhom u illi a bazi taghhom qieghda tintalab il-firda personali bejn il-kontendenti;

2. Tippronunzja s-separazzjoni personali bejn indikati, jew liema minnhom;

3. Tiddikjara u tiddeciedi illi l-attur ghandu jibqa' jigi fdat, flimkien mal-konvenuta bil-kura u l-kustodja tal-minorenni Nicole B, u dan fl-interess suprem ta' l-istess minorenni;

4. Tiddikjara u tiddeciedi illi l-attur ghandu jibqa' jkollu access liberu ghall-minorenni Nicole B, u dan fl-interess Suprem ta' l-istess minorenni;

5. Tiddikjara u tiddeciedi illi l-kontendenti ghandhom, f’ ishma ndaqs bejniethom jikkontribwixxu versu l-htigijiet edukattivi, medici u extra-kurrikulari ta' uliedhom Kayleigh u Nicole ahwa B;

6. Tiddikjara xjolta l-komunjoni tal-akkwisti ezistenti bejn il-kontendenti u tillikwida l-istess tenut kont kemm l-attiv u kif ukoll il-passiv tal-istess komunjoni;

7. Tiddikjara u tiddeciedi illi l-konvenuta kienet u ghadha f'obbligu illi thallas sehema, u cioe' nofs, mill-passiv kollu gravanti l-komunjoni tal-akkwisti;

8. Tordnalha konsegwentement tirrifondi lill-attur kull hlas illi gie mwettaq mill-attur akkont tal-istess sehem tal-konvenuta mill-passiv gravanti l-komunjoni tal-akkwisti;

9. Tiddikjara u tiddeciedi illi kwalunke kumpens u/jew flejjes illi jistghu talvolta jkunu pagabbli lill-attur in konnessjoni mal-ezercizzju f'kull zmien tal-professjoni jew xoghol tieghu, ghandhom jigu percepiti unikament mill-attur;

10. Occorrendo takkorda lir-rikorrenti d-dritt li jirrisjedi gewwa l-fond matrmimonjali li jgib l-indirizz 113/3,'La Pinetina', Triq ir-Ratal, Ibragg, dan ad eskluzjoni tal-konvenuta; ghal dan il-ghan, tordna lill-istess konvenuta sabiex, fi zmien qasir u perentorju li jigi lilha prefiss minn din l-Onorabbli Qorti, tizgombra effettivament mill-imsemmi fond;

11. Tikkundanna lill-konvenuta, sabiex, fi zmien qasir u perentorju li jigi lilha prefiss minn din l-Onorabbli Qorti, tikkonsenja lir-rikorrenti l-oggetti kollha dotali u parafernali tieghu, inkluzi flus u krediti ohra, u fin-nuqqas, tikkundanna lill-istess konvenuta thallas il-valur tal-istess, bl-opra, occorrendo, ta' periti nominandi sabiex jeffettwaw il-kalkoli necessarji f'dan ir-rigward;

12. Tordna li r-rikorrenti jigi moghti l-piena amministrazzjoni tal-beni dotali u parafernali tieghu;

13. Tistabilixxi d-data meta l-istess konvenuta ghandha tigi kkunsidrata li kkagunat il-firda bejn il-kontendenti u tapplika in toto jew in porte kontra l-konvenuta d-dispozizzjonijiet tal-Artikoli tmienja u erbghin [48], wiehed u hamsin [51], tnejn u hamsin [52], u tlieta u hamsin [53], tal-Kapitolu sittax [16] tal-Ligijiet ta' Malta.

14. Tordna li s-sentenza eventwali ta' din l-Onorabbli Qorti tigi registrata fir-Registru Pubbliku.

Bl-ispejjez kontra l-konvenuta li tinsab minn issa ngunta in subizzjoni.

Rat ir-risposta guramentata tal-konvenuta li taqra kif gej:-

1. Illi fir-rigward tal-ewwel u t-tieni talba tar-rikorrent, l-eccipjenti ma topponix illi tigi ppronunzjata s-separazzjoni personali bejn il-kontendenti konjugi B, dana pero' ghal ragunijiet unikarnent irnputabbli lill-istess rikorrent li rrenda

ruhu hati fil-konfront tal-istess esponent ta' adulterju, sevizzi, eccessi, mohqrija, theddid u ingurji gravi u li b' rizultat iz-zwieg tkisser irremedjabilment;

2. Illi fir-rigward tat-tielet talba tar-rikorrent, din ghandha tigi michuda fl-intier taghha stante li l-attur m'ghandux jibqa' jigi fdat bil-kura u l-kustodja tal-minuri Nicole B u dan ghar-raguni illi huwa abbanduna lill-istess minuri minghajr l-ebda interess ghall-kura u 1-kustodja taghha u ghalhekk ma jkunx fl-ahjar interess tal-istess minuri illi l-kura u kustodja tigi assenjata favur ir-rikorrent;

3. Illi fir-rigward tar-raba' talba tar-rikorrent, l-eccipjenti taqbel li l-istess rikorrent ghandu jkollu access liberu ghall-minuri Nicole B u dan ghal hinijiet u granet indikati minn dina l-Onorabbli Qorti;

4. Illi fir-rigward tal-hames talba din ghandha tigi michuda fl-intier taghha stante li l-eccipjenti m'ghandhiex il-mezzi finanzjarji necessarji sabiex tkun tista' tmantni lilha nnifisha u lill-minuri u dan ghaliex hija prezentement m' ghandhiex impieg;

5. Illi fir-rigward tas-sitt u s-seba' talba, l-esponenti taqbel li ghandha tigi dikjarata xjolta l-komunjoni tal-akkwisti u li din tigi likwidata u diviza bejn l-istess kontendenti;

6. Illi fir-rigward tat-tmien u d-disa' talba, dawn ghandhom jigu michuda fl-intier taghhom stante li r-rikorrent ibbenefika minn introjtu marbut mal-professjoni tieghu specifikament waqt il-matrimonju u ghaldaqstant dan ghandu jigi mehud li gie inserit fil-komunjoni tal-akkwisti;

7. Illi in kwantu ghall-ghaxar talba tar-rikorrent, din ghandha tigi michuda kategorikament stante li kien huwa li ddekada mill-istess dritt wara li abbanduna kemm lill-istess esponenti kif ukoll id-dar matrimonjali;

8. Illi fir-rigward tal-hdax u t-tnax-il talba, din ghandha tigi michuda fl-intier taghha stante li l-esponenti m'ghandha l-ebda beni dotali u parafernali tar-rikorrent fil-pussess taghha u huwa propju l-istess rikorrent li jrid jirrestitwixxi l-beni u krediti parafernali tal-esponenti, jew il-valur rispettiv taghhom fi flus;

9. Illi in kwantu ghat-tlettax-il talba. ma tezisti l-ebda raguni ghala s-sanzjonijiet kontemplati taht l-artikoli 48 sa 53 tal-Kap 16 tal-Ligijiet ta' Malta citati mir-rikorrent ghandhom jigu applikati in toto jew in parte kontra l-esponenti, liema sanzjonijiet pero' kif kontemplati f’dawn l-artikoli ghandhom jigu applikati fil-konfront tal-istess rikorrent;

10. Illi fir-rigward tal-erbatax-il talba, l-esponenti ma topponix li dina l-Onorabbli Qorti tordna sabiex is-sentenza eventwali tigi registrata fir-Registru Pubbliku u dan ai fini u effetti kollha tal-ligi;

11. Illi t-talbiet tar-rikorrent ghandhom jigu michuda stante li huma infondati fil-fatt u fid-dritt bl-ispejjez kontra l-istess rikorrent.

Illi l-ispejjez tal-kawza odjerna ghandhom jigu sopportati interament mir-rikorrent esklussivament.

Salvi eccezzjonijiet ohra.

Rat il-kontro-talba tal-konvenuta li taqra kif gej:-

1. Illi l-esponenti qieghdha tipprevalixxi ruhha mill-istanza attrici u qed tippromwovi din it-talba rikonvenzjonali taghha sabiex tikkawtela 1-interessi taghha;

2. Illi l-partijiet izzewgu nhar l-erbgha u ghoxrin ta' Frar tal-elf disgha mija u disghin 1990 fil-Knisja Parrokkjali ta' San Guzepp, Imsida, minn liema zwieg twieldu z-zewg ulied Kayleigh u Nicole;

3. Illi l-attur rikonvenzjonat irrenda ruhu hati fil-konfront tal-esponenti ta' adulterju, sevizzi, ingurji gravi, eccessi u mohqrija u ghalhekk iz-zwieg tkisser irrimedjabilment;

4. Illi in oltre, l-attur rikonvenzjonat qabad u abbanduna lill-martu u lil uliedu ghall-habta ta' April tas-sena 2011 filwaqt li qatt ma rega' rritorna fid-dar matrimonjali minkejja li gie mitlub sabiex jaghmel dan kemm-il darba, kemm mill-esponenti rikonvenzjonanti kif ukoll miz-zewg ulied taghhom Kayleigh u Nicole;

5. Illi ghalhekk kellha ssir din it-talba rikonvenzjonali;

Illi r-raguni ta' din it-talba hija li iz-zwieg ta' bejn il-kontendenti tkisser irrimedjabilment minhabba tortijiet imputabbli unikament lill-istess attur rikonvenzjonat u ghalhekk ghandha tigi pronunzjata s-separazzjoni personali bejn il-kontendenti prevja li tigi xolta il-komunjoni tal-akkwisti u li jsir dak kollu mehtieg konsegwenza ta' tali separazzjoni.

Jghid ghalhekk ir-rikonent rikonvenzjonat ghaliex ghar-ragunijiet premessi din 1-Onorabbli Qorti m' ghandhiex:

1. Tiddikjara u tippronunzja s-separazzjoni personali bejn il-kontendenti ghar-ragunijiet fuq premessi imputabbli lill-istess rikorrent rikonvenzjonat;

2. Tapplika in toto jew in parte kontra r-rikorrent rikonvenzjonat l-effetti kollha tad-dispozizzjonrjret tal-Artikoli 48 sa 54 tal-Kap 16 tal-Ligijiet ta' Malta;

3. Tiddikjara xolta l-komunjoni tal-akkwisti ezistenti bejn il-kontendenti u tillikwida 1-istess, occorrendo bl-opra ta' periti nominandi sabiex jaffettwaw u jassenjaw kull likwidazzjoni necessarja u jipproponu pjan ta' divizjoni ghal tali assenjament;

4. Tillikwida l-krediti kollha dovuti mill-komunjoni tal-akkwisti u mir-rikorrent rikonvenzjonat a favur l-esponenti u tordna li jhallas a favur 1-esponenti dawn il-krediti hekk likwidati;

5. Tordna lill-istess rikorrent rikonvenzjonat jirrestitwixxi lill-esponenti kwalunkwe beni u krediti parafernali taghha jew il-valur rispettiv taghhom fi flus;

6. Tiffissa manteniment ghall-esponenti u tordna lill-istess rikorrent rikonvenzjonat sabiex ihallas tali manteniment ghaliha u ghaz-zewg ulied Kayleigh u Nicole;

7. Tordna li l-kura u l-kustodja tal-minuri Nicole tigi fdata esklussivament lill-esponenti b'access liberu lir-rikorrenti u dan ghal hinijiet u granet indikati rninn dina l-Onorabbli Qorti;

8. Tordna lill-istess esponenti sabiex tibqa' tirrisjedi fil-fond matrimonjali li jgib l-indirizz 113/3,'La Pinetina', Triq ir-Ratal, Ibragg u dan ad eskluzjoni tar-rikorrent rikonvenzjonat;

Bl-ispejjez kontra l-istess rikorrent rikonvenzjonat li qieghed minn issa jigi ingunt ghas-subizzjoni.

Rat ir-risposta guramentata tal-attur rikonvenzjonat ghall-kontro-talba tal-konvenuta li taqra kif gej:-

1. Fl-ewwel lok, in linea preliminari ir-rikors guramentat rikonvenzjonali tal-intimata huwa null stante illi jonqos milli jissodisfa d-dispost tal-Artikolu 156 (1) (d) u 398 (2) tal-Kapitolu 12 tal-Ligijiet ta' Malta.

2. Fit-tieni lok, riferibbilment ghall-ewwel talba tal-konvenuta rikonvenzjonanti, l-attur rikonvenzjonat jaqbel illi ghandha tigi ppronunzjata l-firda personali bejn il-kontendenti izda dan mhux ghar-ragunijiet kif premessi minnha izda ghal dawk premessi mill-istanti fir-rikors guramentat tieghu tat-18 ta' Jannar 2013.

3. Fit-tielet lok, riferibbilment ghat-tieni talba tal-konvenuta rikonvenzjonanti, din ghandha wkoll tigi michuda stante illi ma jikkonkorrux l-estremi legali ghall-applikazzjoni tad-disposti tal-Artikoli 48 sa 54 tal-Kapitolu 16 tal-Ligijiet ta' Malta.

4. Fir-raba' lok, riferibbilment ghat-tielet talba tal-konvenuta rikonvenzjonanti, l-attur rikonvenzjonat jaqbel illi l-komunjoni ta' l-akkwisti bejn il-kontendenti tigi ddikjarata xjolta, likwidata u diviza fit-termini tat-talbiet promossi mill-istanti fir-rikors guramentat tieghu tat-18 ta' Jannar 2013.

5. Fil-hames lok, riferibbilment ghar-raba' u hames talbiet tal-konvenuta rikonvenzjonanti, dawn ghandhom jigu michuda stante illi ma hemm ebda kreditu favur il-konvenuta rikonvenzjonanti x'jigi likwidat u mhallas; inoltre, l-istanti ma huwa fil-pussess ta' ebda beni jew krediti parafernali tal-konvenuta rikonvenzjonanti.

6. Fis-sitt lok, riferibbilment ghas-sitt talba tal-konvenuta rikonvenzjonanti, fejn din titratta l-manteniment tal-istess, ghandha tigi michuda stante illi: (a) il-konvenuta rikonvenzjonanti ddekadiet mid-dritt taghha illi titlob retta alimentari minghand l-attur rikonvenzjonat u; (b) fi kwalunkwe kaz ma jikkonkorrux l-elementi legali sabiex din l-Onorabbli Qorti taddixxi ghal din it-talba attrici. Fejn is-sitt talba tal-konvenuta rikonvenzjonanti titratta l-manteniment ta' ulied il-kontendenti, l-attur rikonvenzjonat, dejjem, anke meta mhux hekk marbut b'digriet ta'din l-Onorabbli Qorti, ottempora ruhu mad-dispost tal-Artikolu 3B tal-Kapitolu 16 tal-Ligijiet ta' Malta.

7. Fis-seba' lok, riferibbilment ghas-seba' talba tal-konvenuta rikonvenzjonanti, din ghandha tigi michuda; ma hemm ebda raguni fil-Ligi 'l ghaliex il-kura u kustodja tal-minorenni Nicole B ghandha tigi fdata lill-istess konvenuta rikonvenzjonanti, b'mod esklussiv. L-access tal-istanti ghall-istess minorenni, ghandu inoltre, fl-interess suprem tal-istess minorenni, jkun wiehed liberu.

8. Fit-tmien lok, riferibbilment ghat-tmien talba tal-konvenuta rikonvenzjonanti, din ghandha wkoll tigi michuda stante illi ma tezisti ebda raguni valida fil-Ligi 'l ghaliex hija ghandha tinghata d-dritt li tokkupa d-dar konjugali ad eskluzjoni tal-istanti. L-attur rikonvenzjonat gie kostrett jallontana ruhu mill-fond

matrimonjali meta l-konvenuta rikonvenzjonanti biddlet is-serratura tal-bieb principali tal-istess.

Salv, occorrendo, eccezzjonijiet ulterjuri.

Bl-ispejjez kontra l-konvenuta rikonvenzjonanti illi hija minn issa ngunta ghas-subizzjoni, u b'riserva ta' kull azzjoni spettanti lill-attur rikonvenzjonat.

Rat l-affidavit tal-attur mahluf fis-7 ta’ Marzu 2013 u n-nota guramentata tieghu;

Rat s-sentenza in parte moghtija minn din l-Qorti fil-11 ta’ Lulju 2013 li permezz taghha l-ewwel eċċezzjoni sollevata mill-attur kontra r-rikonvenzjoni tal-konvenuta, fejn giet eccepita n-nullita’ tal-kontro talba, ġiet respinta[1], bl-ispejjeż ikunu riservati għall-ġudizzju finali.

Rat li permezz ta’ sentenza in parte mogħtija fl-10 ta’ Diċembru 2014, din il-Qorti, fuq talba dedotta mill-attur b’rikors tad-19 ta’ Settembru 2014, ordnat il-waqfien tal-komunjoni ta’ l-akkwisti bejn il-kontendenti b’effett mill-jum li fih l-istess sentenza saret finali, u dan ai termini ta’ l-Artikolu 55 tal-Kodiċi Ċivili.;

Rat illi permezz ta’ sentenza in parte moghtija fl-1 ta’ Diċembru 2015, din il-Qorti laqgħet talba magħmula mill-attur sabiex it-talba tiegħu għas-separazzjoni personali dedotta f’din il-kawża, minflok titqies bħala talba għall-pronunzjament tad-divorzju ai termini ta’ l-Artikolu 66F tal-Kodiċi Ċivili, u li bih ordnat ukoll l-opportuni korrezzjonijiet fir-rikors promotur.

Rat id-digriet moghti fis-seduta tal-11 ta’ Lulju 2013 fejn gie nominat bhala perit legali l-Avukat Dottor Mark Simiana;

Rat in-nota tal-attur tat-28 ta’ Ottubru 2013 li maghha annetta l-affidavit ta’ Joanna Galea, ta’ Ramona Mifsud u ta’ Anna Speranza;

Rat is-sentenza tal-Qorti ta’ l-Appell Kriminali fl-ismijiet “Il-Pulizija vs C B” tat-28 ta’ Frar 2014;

---

[1] A folio 189.

Rat in-nota tal-konvenuta tas-16 ta’ April 2015 fejn talbet li tirreverti ghal kunjom xbubitha cioe’ ‘Roper’;

Rat l-affidavit ta’ Claudio Martinelli mahluf fil-15 ta’ Mejju 2014;

Rat l-affidavit tal-konvenuta mahluf ukoll fil-15 ta’ Mejju 2014, u ta’ ommha, Mary Iris Micallef mahluf fis-27 ta’ Mejju 2014;

Rat ix-xhieda ta’ Amy Mifsud u ta’ Judith Galea li xehdu fis-seduta tas-26 ta’ Gunju 2014 mizmuma mill-Perit Legli;

Rat in-nota tal-konvenuta tal-31 ta’ Lulju 2015 li maghha annettiet prospett tal-ispejjez taghha, u dik tal-10 ta’ Settembru 2015 fejn aggornat r-rendikont tal-kontijiet bankarji;

Rat in-nota ta’ sottomissjonijiet tal-attur ipprezentaipprezentata fil-31 ta’ Awwissu 2015 u dik
tal-konvenuta ppresentata fid-19 ta’ Ottubru 2015;

Rat in-nota ta’ sottomissjionijiet ulterjuri tal-attur ipprezentaipprezentata fl-4 ta’ Novembru 2015 u dik tal-konvenuta ppresentata fit-13 ta’ Novembru 2015;

Rat ir-relazzjoni tal-Perit Legali Dottor Mark Simiana mahlufa fis-27 ta’ Jannar 2016;

Rat il-provvediment moghti min din il-Qorti fl-1 ta’ Dicembru 2015 fejn giet milqugha t-talba tal-attur biex it-talba tieghu ghal separazzjoni personali titqies minflok bhala talba ghall-pronunzjament ta’divorzju fit-termini tal-Artikolu 66F tal-Kodici Civili;

Rat ix-xhieda in eskussjoni tal-Perit Legali Dottor Mark Simiana li xehed in eskussjoni fis-seduta tal-15 ta’ Marzu 2016;

Rat in-nota ta’ sottomissjonijiet finali tal-attur ipprezentaipprezentata fil-15 ta’ April 2016;

Rat in-nota ta’ sottomissjonijiet tal-konvenuta b’risposta ghal dik tal-attur ipprezentaipprezentata fit-13 ta’ Mejju 2016;

Rat ix-xhieda tal-partijiet li xehdu fis-seduta tas-27 ta’ Settembru 2016 u fis-seduta tas-27 ta’ Jannar 2017;

Rat il-verbal registrat fl-ahhar seduta fuq imsemmija meta l-kawza giet differita ghallum ghas-sentenza.

Rat l-atti kollha;

Ikkonsidrat

**IL-PROVI DWAR IL-HTIJA GHAT-TKISSIR TAZ-ZWIEG**.

L-abbli Perit Legali ghamel rassenja dettaljata tal-provi imressqa mill-partijiet dwar x'wassal ghat-tkissir taz-zwieg taghhom:-

Illi l-attur jagħti l-verżjoni tiegħu dwar il-ħajja matrimonjali tiegħu u tal-konvenuta, u dwar it-tkissir eventwali tagħha, b'xiehda mogħtija bil-mezz ta' l-affidavit2. Hu jgħid li ltaqa' mal-konvenuta meta kellu sbatax-il sena, u hi ħmistax, ġewwa diskoteka fi Sliema, f'Ottubru 1983. Bdew joħorġu flimkien u wara erba' snin, iżżewġu. L-attur jgħid li matul l-għerusija, hu u l-konvenuta kienu jargumentaw "like most couples", iżda qatt ma ħassru ħlief f'okkażjoni waħda, fuq istanza tal-konvenuta, u dan seħħ minħabba l-argumenti frekwenti li kien qed ikollhom. L-attur jispjega illi dawn l-argumenti frekwenti kienu jseħħu minħabba differenza fit-trobbija tiegħu u tal-konvenuta, u jgħid li f'dik l-epoka, kien iħoss li malli jiżżewġu, din id-differenza kienet tissolva ruħha weħidha. L-attur isostni li "t-trobbija tiegħi kienet aħjar fis-sens ta' edukazzjoni, valuri u l-mod kif tgħix id-dar"3.

Illi l-attur jilmenta li sa mill-bidu nett ta' l-għerusija tiegħu mal-konvenuta, hu qatt ma ħassu rispettat minn ommha, u li din qatt ma kienet tfaħħru u tikkumplimentah. Jgħid li dan il-fattur kien fonti ta' litiġji bejnu u bejn il-konvenuta, għaliex hu kien jeħodha kontra tagħha illi ma kinitx iżżomm miegħu jew taqbeż għalih meta ommha "went out of line". Minħabba dan l-inkwiet, l-attur jgħid li matul l-aħħar tlett snin ta' l-għerusija, hu ma baqax imur lejn id-dar tal-ġenituri tal-konvenuta ħlief f'okkażjonijiet rari biex jikkonsenja xi oġġett, liema okkażjonijiet ma kienux idumu aktar minn ftit minuti.

Illi l-kontendenti żżewġu fl-24 ta' Frar 1990.

Illi matul l-ewwel snin taż-żwieġ, jgħid l-attur, ma kienx hemm kwistjonijiet serji bejnu u bejn il-konvenuta. Entrambi kienu jaħdmu. Wara madwar tlett snin ta' żwieġ, l-attur iddeċieda li jibda jistudja sabiex jieħu lawreja fil-kontabilita'. Fl-

[2] A folio 145 *et sequens* (Vol.I).
[3] A folio 894 (Vol.IV).

istess żmien, il-kontendenti ddeċidew li jibdew jippruvaw għat-tfal. Il-konvenuta ddeċidiet li tieqaf mix-xogħol qabel inqabdet tqila. L-attur kompla jistudja u jaħdem fl-istess ħin. Jgħid li l-konvenuta la kienet ittellfu u lanqas kienet tinkoraġġih[4]. Ukoll fl-istess perjodu, il-kontendenti ddeċidew li jbiegħu l-appartament li kienu joqgħodu fih, fl-Imsida. Fil-fatt biegħu dan l-appartament fi Frar 1995 meta l-konvenuta kellha seba' xhur tqala. Minħabba l-fatt li l-maisonette li xtraw il-kontendenti kien fi stat ta' ġebel u saqaf, huma marru jgħixu għal xi żmien għand il-ġenituri ta' l-attur.

Illi l-ewwel bint tal-kontendenti, Kayleigh, twieldet fl-10 t'April 1996. Minħabba l-impenji neċessarji sabiex titlesta d-dar konjugali l-ġdida, l-attur issospenda l-istudji tiegħu. Fil-frattemp, jgħid l-attur, il-konvenuta beda jkollha sensiela ta' argumenti serji mal-ġenituri tiegħu. L-attur jgħid li huwa dejjem ħa d-difiża ta' martu għalkemm mhux dejjem kien ikollha raġun. Madanakollu, jkompli l-attur, illum biddel fehmtu u jinsab ċert illi t-tort għal dak li kien qed jiġri ma kienx imputabbli lill-ġenituri tiegħu. Wieħed minn dawn l-argumenti tant kien serju, li missier l-attur saħansitra keċċa lill-konvenuta 'l barra u rrifjuta li jħalliha tiġi lura. In kontro-eżami, l-attur jelabora li l-konvenuta qalet il-kelma "pufta" lil missieru[7]. Il-konvenuta tgħid li l-argument li wassal biex hi tkellem hekk lil missier l-attur seħħ b'konsegwenza tad-diżgwid li kien jinqala' minħabba l-mod ta' kif omm l-attur kienet titratta lill-attur[8]. Minħabba f'hekk il-konvenuta marret tgħix, flimkien ma' bint il-partijiet, għand ommha, u għall-perjodu ta' madwar xahrejn, il-partijiet raqdu taħt soqfa differenti billi ma kienx hemm post għall-attur għand omm il-konvenuta[9].

Jidher li minħabba dan l-argument, il-ġenituri ta' l-attur u l-konvenuta ma tkellmux għall-perjodu ta' seba' xhur. Il-konvenuta, jgħid l-attur, lanqas ma riedet lill-ġenituri tiegħu jaraw lil binthom matul dak il-perjodu, u l-attur jgħid li huwa qabel ma' din ix-xewqa, liema qbil għadu sallum jisgħobbih dwaru. L-attur jgħid illi bl-intervent ta' oħtu u tiegħu, seħħet rikonċiljazzjoni bejn il-konvenuta u l-ġenituri tiegħu, għalkemm ir-relazzjoni ta' bejniethom qatt ma ġiet lura għal dik li kienet. Fil-fatt, jgħid l-attur, il-konvenuta qatt ma kienet tistieden lill-ġenituri tiegħu għall-ikel, għalkemm kien hemm okkażjonijiet rari fejn missieru kien jiġi jiekol għandhom meta ommu kienet tkun imsiefra.

---

[4] A folio 894 (Vol.IV).
[5] Għalkemm fl-affidavit tiegħu, l-attur jirreferi għas-sena "2004", hu evidenti mill-bqija tad-dikjarazzjoni tiegħu, kif ukoll mid-dokument a folio 7, li dan huwa *lapsus* u li r-referenza kellha tkun għas-sena 1994.
[6] Ara folio 7.
[7] A folio 894 (Vol.IV).
[8] A folio 896 (Vol.IV).
[9] L-attur, f'din il-parti tad-dikjarazzjoni tiegħu, jitfgħa dubju dwar il-ġenwinita' ta' din ir-raġuni għaliex hu ma setax jingħaqad ma' martu u bintu fid-dar t'omm il-konvenuta.

Illi l-attur jgħid li l-mod kif huwa kien jieħu r-raġunijiet tal-konvenuta f'kull sitwazzjoni li kellha mal-ġenituri tiegħu kien sintomatiku tar-rwol passiv li hu kellu jaddotta għall-kumplament tal-ħajja konjugali, bil-għan li jevita l-kunflitt ma' martu[10].

Iż-żmien kompla jgħaddi, u fl-1 ta' Novembru 1996 twieldet it-tieni bint, Nicole[11]. F'dak iż-żmien, l-attur kien reġgħa ssokta fl-istudji tiegħu, u kien impjegat mal-Corinthia. Hu kien ukoll jinkrementa d-dħul tiegħu billi jipprovdi servizzi ta' kontabilita' lill-klijenti privatament, u dan sabiex jgħajjex lill-familja fil-kumdita'. Il-konvenuta min-naħa l-oħra kienet tieħu ħsieb l-ulied u d-dar, u rrifjutat li tmur lura għax-xogħol. Skont l-attur, f'dan iż-żmien "Our marriage was fine...". Fis-sena 1999, l-attur lesta l-istudji tiegħu, u sab impjieg aħjar milli kellu. Kien f'dan iż-żmien li hu beda jistinka biex, fi kliem l-attur stess: "to fulfill her dream to buy a house of our own in the Ibragg/Swieqi area". Sabu dar fl-Ibraġġ fl-2001 u xtrawha, u kien proprju hawn, jgħid l-attur, li beda jara xquq serju fiż-żwieġ tiegħu. Jgħid li huma għażlu d-dar flimkien, u li qatt ma qaltlu li m'għoġbithiex qabel ma xtrawha u marru jgħixu fiha. Jgħid li ma' l-ewwel jum li marru jgħixu hemm, semgħu xi ħadd fil-viċin idoqq mużika storbjuża, u l-konvenuta bdiet tgħid li dan kien wieħed mill-ġirien li ried jurihom li ma kienux benvenuti. L-attur jilmenta li dan kien ġenn da parti tal-konvenuta, u li anke fiż-żewġ residenzi preċedenti tagħhom, il-konvenuta kienet tiffissa li l-ġirien kollha moħħhom fiha. Minn dakinhar, jilmenta l-attur, il-konvenuta bdiet sensiela ta' lmenti dwar id-dar (li kienet kerha), dwar l-inħawi (ma kienux prattiċi), u lmenti oħrajn li skont l-attur ma kienux raġjonevoli, iżda li hu kien jagħmel l-almu tiegħu biex jindirizza sabiex jipprova jżomm lill-martu kuntenta. L-attur jgħid li f'dik l-epoka l-konvenuta bdiet anke turi burdati dipressivi, u saħansitra ħadha għand psikjatra li ppreskriva mediċini. Il-konvenuta, għalkemm bdiet tieħu l-mediċini preskritti, waqfet wara ftit għaliex ħasset li dawn il-mediċini kienu qed iħalluha dgħajfa. In kontro-eżami, l-attur jgħid li din ir-referenza kien qed jagħmilha biex jiddeskrivi l-attitudni u l-imġieba negattiva ta' martu, li qatt ma kienet kuntenta b'xejn, u m'hijiex referenza għall-kondizzjoni medika[12].

L-attur jgħid li s-sitt xhur bejn it-tielet kwart tas-sena 2001 u s-sena 2002 kienu terribbli għalih. Pero' fis-sena 2002, irċieva offerta li biddlitlu l-ħajja lavorattiva tiegħu. L-attur jiddikjara, "As I progressed in my career I started noticing that the difference between us was becoming bigger and more visible. Whereas I was a CFO of a large consortium she became more closed up to her life which was mainly the children and home, and her obsession that we made a big mistake in buying our house in Swieqi...". L-attur jgħid li l-akbar ilmenti tal-konvenuta dwar id-dar konjugali l-ġdida kienu dwar l-ineffiċjenza tat-trasport pubbliku u li l-post

[10] A folio 146 (Vol.I).
[11] A folio 8 (Vol.I).
[12] A folio 912 (Vol.IV).

tal-ġbir tal-passiġġieri (bus stop) kienet 'l bogħod. Jgħid li għamel l-almu tiegħu biex jgħin lill-martu, billi xtralha karozza użata u taha xi lezzjoni ta' sewqan billi, għalkemm kellha liċenza, ma kinitx issuq. Hi kienet tilmenta fuq il-karozza, u għalhekk l-attur xtralha karozza ġdida.

L-attur jgħid illi l-ilmenti tal-konvenuta dwar id-dar kien iħosshom wisq, u li l-konvenuta ma kinitx tapprezza ix-xogħol u l-isforzi kollha ta' l-attur għall-ġid tal-familja. Jgħid li anke l-familja ta' martu ma kienux jifhmu xi problema kellha martu bid-dar, u kienu jitolbuh ikollu paċenzja magħha. L-attur kien jilmenta ma' oħt martu dwar l-attitudni tal-konvenuta.

L-attur beda jissuġġerixxi lill-konvenuta biex issib impjieg, mqar part-time. Dan sabiex toħroġ mid-dar u taljena rasha. F'dan iż-żmien, ulied il-kontendenti kellhom tlettax u ħdax-il sena. Il-konvenuta pero' ma riditx, għaliex kienet se ssibha diffiċli tlaħħaq bix-xogħol tad-dar u bl-eżiġenzi tat-tfal. Hu jispjega li x-xewqa tiegħu biex il-konvenuta tmur taħdem kienet kemm li xtaq li hi ma toqgħodx id-dar u jkollha karriera "bħal nisa oħrajn fl-istess pożizzjoni tagħha", u kif ukoll għaliex ried il-kontribut finanzjarju ta' martu wara li kienu nkorrew spejjeż fis-sena 2006 u 2007[13].

L-attur jilmenta li minkejja li l-konvenuta ma kinitx taħdem, xorta waħda kienet tqabbdu jagħmel qadi li hu diffiċilment kien ilaħħaq minħabba l-impenji professjonali tiegħu. Hu kien jagħmel dan il-qadi, billi kien jippreferi jara x'jagħmel biex ilaħħqu milli joqgħod jisma' lill-konvenuta tgerger. Jilmenta illi l-konvenuta ma kinitx turi affett lejh. Maż-żmien, l-attur kien jiġi mistieden diversi festini u riċevimenti, u l-konvenuta ma kinitx tattendi jekk ma tkunx infurmata ġimgħat minn qabel. Jgħid l-attur li bosta drabi il-konvenuta kienet tgħidlu biex jattendi dawn l-avvenimenti waħdu[14]. Din is-sitwazzjoni ma kinitx għall-qalb l-attur, pero' meta lmenta mal-konvenuta li kien jiddejjaq joqgħod jidher waħdu meta kien miżżewweġ, hi kienet twieġbu "you should have married a career woman and not me, you should have married someone who loves to go to these parties". Problema oħra, jgħid l-attur, kienet dik li l-konvenuta ma kinitx tissaporti ħsejjes kbar. Jistqarr illi żmien qabel il-konvenuta kienet ġarrbet ħsara fit-tnabar ta' widnejha waqt li kienu preżenti f'attivita' politika, tant illi għamlet xhur ma setgħetx torqod minħabba t-tisfir li kienet tisma'f'widnejha. Pero' jgħid illi wara li nfirdu, ra lill-konvenuta f'żewġ okkażjonijiet f'lokali ta' divertiment f'Paceville fejn il-volum tal-mużika tant kien għoli illi saħansitra dejjaq lilu, u għalhekk illum jiddubita jekk qatt kienx minnu li l-konvenuta soffriet tali ħsara f'widnejha[15]. L-attur isemmi wkoll, bħala ċirkostanzi ta' kunflitt bejnu u bejn martu, il-fatt li hi kienet tibża' titla' fuq ajruplan (bil-konsegwenza li l-kontendenti u t-tfal kienu

[13] A folio 912 (Vol.IV).
[14] A folio 147 (Vol.I).
[15] A folio 148 (Vol.I).

jkunu limitati għal cruises dwar btala), u l-fatt li l-konvenuta kienet tiddejjaq tistieden in-nies f'darhom, f'liema każijiet kienet iġġib skużi li ma kinitx tinqala' biex issajjar, jew li kien se jkollha tnaddaf id-dar.

L-attur jgħid li dawn iċ-ċirkostanzi kollha servew biex ħolqu distanza bejnu u bejn martu. Hu ma kienx iħoss li kellu sieħba fil-konvenuta. L-imġieba tal-konvenuta kellha l-konsegwenza illi tallontana persuni oħra milli jkunu ħbieb tagħhom, bil-konsegwenza illi kienu spiċċaw mingħajr ħbieb ma' min joħorġu. Għalhekk il-kontendenti kienu jispiċċaw joħorġu weħidhom, u jiddejqu, għaliex l-attur kien isibha diffiċli jikkomunika mal-konvenuta16.

Kien f'dawn iċ-ċirkostanzi li l-attur iddeċieda, biex isalva ż-żwieġ tiegħu, illi jixtri villa bil-pixxina, wara li minflok id-dar konjugali attwali, jibni blokk bini konsistenti f'żewġ appartamenti u duplex penthouse. Huwa jgħid illi jiftakar kjarament jiftiehem mal-konvenuta illi din id-darba, hi kellha tassistih fix-xogħol involut, u li l-konvenuta dan aċċettatu. L-attur jgħid li din id-deċiżjoni, b'xorti ħażina, ttieħdet fis-sena 2008, meta s-suq tal-bini beda jmur lura, u dan il-fattur żied it-tensjoni bejnu u bejn il-konvenuta. Madanakollu, il-penthouse kienet ġiet imlestija b'materjal ta' kwalita' superjuri mill-appartamenti, u dan proprju f'każ illi, jekk finanzjarjament l-attur ma jasalx biex jixtri villa bil-pixxina, hu u l-familja tiegħu ikunu jistgħu imorru joqgħodu fl-istess penthouse.

Illi l-attur jgħid li l-konvenuta bdiet tagħmel id-dwejjaq minħabba s-self bankarji li kellhom jieħdu biex jagħmlu dan l-iżvilupp, u bdiet iġġib l-iskużi biex ma tassistihx fl-iżvilupp kif kienu ftiehmu. Jgħid li kull ma kienet tagħmel il-konvenuta kien li tistaqsi u tkun negattiva. F'dak il-perjodu, jgħid l-attur, kien telaq mill-impjieg tiegħu ma' MIDI plc, u beda impjieg ġdid ma' Smart City Malta Ltd, fejn l-affarijiet ma kienux mexjin sew. Jilmenta illi ma sab ebda sostenn minn martu.

L-attur ikompli jgħid illi matul l-aħħar sentejn taż-żwieġ, u ċioe' mis-sena 2009 sas-sena 2011, hu kompla fl-isforzi tiegħu biex jevita l-kroll. Pero' l-konvenuta baqgħet tippersisti fl-imġieba tagħha li ma turihx affett17. Għalkemm kienet taċċetta li joħorġu flimkien fis-sajf, ħalli jqattgħu l-ħin flimkien, fix-xitwa l-konvenuta ma kinitx tkun trid li joħorġu, għaliex tkun għajjiena u riedet tqum kmieni biex tipprepara l-affarijiet għat-tfal. Dan hu sa ċertu punt korraborat mill-konvenuta, li pero' tgħid li xorta kien hemm okkażjonijiet fejn kienu joħorġu18. L-attur jgħid li ma setax jifhem kif il-konvenuta kienet tkun għajjiena, la hi ma

[16] A folio 148 (Vol.I).
[17] Ara folio149 (Vol.I).
[18] Ara folio 907 (Vol.IV).

kinitx taħdem, u kif kellha bżonn tqum daqshekk kmieni biex hi tlesti l-affarijiet għat-tfal, meta dawn kienu adoloxxenti f'dik l-epoka19.

1.1. L-attur jgħid li minħabba f'dan kollu, beda jippreferi jmur lura d-dar, wara x-xogħol, tard kemm jista' jkun, u li jiekol barra, ħalli jevita argumenti mal-konvenuta. Jgħid li lill-konvenuta kien jagħtiha sinjali ċarissimi li kien beħsiebu jitlaq jekk ma kinitx se tinbidel, u kien anke jgħidilha li ma kienx jiflaħ il-ħoss ta' leħinha[20]. Hu ssuġġerixxa li jmorru għand *marriage counsellor*, pero' l-ewwel risposta tagħha kienet li kien imissu jmur hu, għax hu kien il-problema. Jgħid li wara argumenti fejn saħansitra tant kien imdejjaq illi beda jibki, il-konvenuta aċċettat li tiġi sessjoni waħda miegħu għal *counselling*. L-attur jgħid li l-parir mogħti lilhom kien fl-istess sens ta' dak li dejjem sostna mal-konvenuta, u ċioe' li juru aktar affett ma' xulxin, u li jqattgħu aktar ħin ma' xulxin. Jirrakkonta illi, fuq mistoqsija tal-*counsellor*, il-konvenuta wieġbet li hi ma kinitx persuna romantika, imma li l-attur kien għamilha hekk. L-attur ma qabilx ma' din it-tweġiba[21]. Minkejja dan, il-konvenuta ma nbidlitx. Il-konvenuta min-naħa l-oħra tgħid illi lill-attur kienet tibkilu biex ikomplu jmorru għal *counselling*, u l-attur kien jirrifjuta[22].

1.2. Illi lejn l-aħħar tal-konvivenza bejn il-kontendenti, l-attur kien imur ikellem lil Paul Camilleri, ħabib tiegħu mit-tfulija, u lil Josanne Camilleri, mart l-istess Paul, fir-residenza tal-konjuġi Camilleri. Dwar dan xehdet Josanne Camilleri[23]. Hi tgħid li matul is-snin, hi u żewġha kien joħorġu mal-kontendenti, għalkemm mhux regolarment. Tgħid li l-konvenuta hija mara tad-dar u moħħha fit-tfal, u spiss kienet tkun trid titlaq kmieni biex tmur lura lejn it-tfal. Josanne Camilleri tixhed dwar l-okkażjonijiet li fihom l-attur kien jiġu d-dar tagħhom u jgħidilhom illi kien qed ikollu xi jgħid wisq mal-konvenuta. Kien jassikurahom li hu ma kellu lil ħadd iktar, imma li ried jirranġa l-affarijiet mal-konvenuta. Kien talab lill-konjuġi Camilleri biex jieħdu ħsieb lill-martu fid-dwejjaq tagħha għax kellha karattru dgħajjef[24]. Kien għalhekk illi l-konjuġi Camilleri ssuġġerew illi l-attur kellu jiġi s'għandhom flimkien ma' martu ħalli huma jippruvaw jimmedjaw bejniethom. U hekk sar. Pero' l-medjazzjoni ma ħallietx frott. Skont Josanne Camilleri, l-attur kien jidher determinat, filwaqt li l-konvenuta kienet donnha taħt xokk. Camilleri tgħid illi, "*Id-determinazzjoni li rajt fl-attur kienet li "he wanted to move on" u ma riedx xkiel fil-karriera tiegħu bil-ġlied li kellu ma' martu għax beda jħoss li ma kienx hemm tama fiż-żwieġ ma' martu*". Camilleri tgħid li ftit wara dan l-inkontru l-attur telaq mid-dar taż-żwieġ[25]. Josanne Camilleri tgħid

---

[19] Ara folio 149 (Vol.I).
[20] Ara folio 150 (Vol.I).
[21] Ara folio 150 (Vol.I).
[22] A folio 924 (Vol.IV).
[23] A folio 879 u 880 (Vol.IV).
[24] A folio 882 (Vol.IV).
[25] A folio 881 (Vol.IV).

ukoll li l-attur kien qalilhom li ddejjaq ibiddel djar u li kien imdejjaq li martu ma kinitx takkumpanjah f'attivitajiet soċjali li kien ikollu[26].

1.3. Illi dwar il-bruda li daħlet bejn il-kontendenti fl-aħħar snin tal-konvivenza tagħhom, xehed ukoll Claudio Martinelli[27]. Dan ix-xhud kien ħabib ta' l-attur sa mit-tfulija. Jgħid illi l-konvenuta kienet mara li ma tħobbx tissoċjalizza, u li ma kinitx tħobb tagħmel ħbieb. Skont Mary Louise Darmanin, il-konvenuta bdiet toqgħod lura mill-ħajja soċjali matul l-aħħar erba' snin, bejn wieħed u ieħor, taż-żwieġ[28]. Claudio Martinelli isemmi okkażjoni wkoll fejn iltaqa' ma' l-attur u mal-familja tiegħu fuq *cruise* b'kumbinazzjoni, u jgħid li l-konvenuta ftit li xejn kienet tipparteċipa fl-attivitajiet, u kienet tkun aktar ħin rieqda fil-gabina milli fil-bqija tal-bastiment ma' żewġha u uliedha. Dan hu ferventement kontestat mill-konvenuta[29]. In kontro-eżami, Claudio Martinelli xehed illi filgħodu l-konvenuta kienet tkun mal-bqija tal-familja, u kien filgħaxija meta ma kinitx tkun preżenti mal-bqija tal-familja tagħha[30].

1.4. Illi dwar dawn il-problemi, l-attur kien jiftaħ qalbu mal-kuġina tiegħu, Mary Louise Darmanin[31]. Mary Louise Darmanin xehdet ukoll dwar il-kunflitt li kien ikun hemm bejn il-konvenuta u l-ġenituri ta' l-attur. In kontro-eżami, tgħid li hi ma kinitx tidħol fil-mertu tal-kunflitti, imma kienet taf li l-kwistjonijiet li l-konvenuta kien ikollha mal-ġenituri ta' l-attur kienu jirrigwardaw allegati preferenzi li l-ġenituri ta' l-attur kellhom lejn oħt l-attur. Tgħid li f'dan ir-rigward, l-attur kien jew jaqbel mal-konvenuta jew ma jgħid xejn[32].

1.5. Fl-aħħar tlett xhur qabel il-firda *de facto,* l-attur kien jorqod waħdu fuq is-sufan. Fil-11 t'April 2011, l-attur telaq mid-dar konjugali, u mar jgħix mal-ġenituri tiegħu. Jgħid li l-konvenuta kienet iċċempillu kuljum biex tqabbdu jagħmillha l-qadi. L-attur irrifjuta li jmur lura d-dar, minkejja li l-konvenuta kienet titolbu jiġi lura, għax ħass li l-konvenuta ma kienet se tirranġa qatt. L-attur fl-aħħar qal lill-konvenuta li kellhom bżonn ikellmu avukat biex jiftiehmu fuq it-termini tas-separazzjoni. Il-konvenuta għalhekk biddlet is-serratura tad-dar konjugali[33]. Dwar dan il-fatt, il-konvenuta nstabet ħatja ta' ksur ta' l-Artikolu 85 tal-Kodiċi Kriminali b'sentenza tal-Qorti ta' l-Appell Kriminali, mogħtija fit-28 ta' Frar 2014[34], fejn ġiet liberata bil-kundizzjoni li ma tagħmilx reat ieħor fi żmien tlett xhur, u fejn ġiet ukoll ordnata tagħti kopja taċ-ċavetta l-ġdida lill-attur entro tlett ġimgħat minn dakinhar tas-sentenza.

---

[26] A folio 881 (Vol.IV).
[27] Ara l-affidavit tiegħu a folio 831 (Vol.IV).
[28] A folio 878 (Vol.IV).
[29] Ara xiehda tal-konvenuta a folio 895 (Vol.IV).
[30] A folio 932 (Vol.IV).
[31] Ara l-affidavit ta' Mary Louise Darmanin a folio 778 (Vol.IV).
[32] A folio 878 (Vol.IV).
[33] Ara folio 151 (Vol.I).
[34] Ara kopja legali tas-sentenza a folio 785 (Vol.IV).

1.6. Illi l-attur jgħid li, minkejja dan, huwa baqa' jħallas id-djun tal-komunjoni ta' l-akkwisti, kif ukoll manteniment lil martu u lil uliedu. Martu bdiet takkużah li kien telaqha għaliex kellu mara oħra, u skont l-attur, hija bdiet tinfluwenza lill-uliedu kontrih b'din il-gidba.

1.7. Illi mix-xiehda ta' Joanna Galea[35], ta' Ramona Mifsud[36] u ta' Anna Speranza[37], jirriżulta li l-attur għamel ħbieb magħhom wara l-firda *de facto* minn mal-konvenuta. Jgħidu illi spiss joħorġu lkoll flimkien fil-jiem ta' tmiem il-ġimgħa, u li lill-konvenuta jafuha biss *di vista*, fuq indikazzjoni ta' l-attur. Jgħidu li matul is-sajf tas-sena 2013, raw lill-konvenuta "*prattikament kull weekend 'lli aħna ħriġna, spiss kemm il-Ġimgħa u kif ukoll is-Sibt filgħaxija rajna lil C B ġewwa l-postijiet ta' divertiment fejn inkunu aħna*". Il-konvenuta taqbel li hija toħroġ weħidha, u li tkun anke f'postijiet storbjużi, fejn hi tilbes *ear plugs*[38]. Għalkemm il-konvenuta taċċetta li kellha ħbiberiji ma' persuni ta' sess maskili wara li l-attur telaq mid-dar konjugali, tiċħad li kellha relazzjonijiet ma' dawn il-persuni.

**Provi Konvenuta**.

1.8. Il-konvenuta tgħid illi ltaqgħet ma' l-attur f'Ottubru tas-sena 1983, u li minn dakinhar bdew jinnamraw u jiltaqgħu kuljum. Tgħid illi l-attur kien ta' kuljum jiġi d-dar t'ommha l-Belt[39]. Omm il-konvenuta, Mary Iris Micallef, xehdet illi f'dik l-epoka, l-attur kien diġa' juri nuqqas ta' rispett fl-atteġġjament tiegħu lejn bintha. Tgħid li fil-preżenza tagħhom, il-kontendenti waqt l-għerusija kienu jiġġieldu ta' spiss quddiemha, u l-attur kien anke jgħajjat u jgħid kliem baxx fil-konfront tal-konvenuta[40].

1.9. Illi l-konvenuta ssostni li hija waqfet mix-xogħol fis-sena 1993, qabel twieldet l-ewwel tifla, u dan sabiex tkun tista' tieħu ħsieb aktar il-familja. Tispjega li "*waqaft naħdem biex inrabbu t-tfal*" u li "*qatt ma kien hemm deċiżjoni bejnietna biex jien nibqa' d-dar, pero' l-affarijiet ġraw hekk b'mod naturali*"[41]. L-attur madanakollu jsostni li l-konvenuta waqfet taħdem erba' xhur qabel inqabdet tqila[42]. F'dik l-epoka, tgħid il-konvenuta, l-attur kien reġgħa beda jistudja, u hi dejjem kienet tassistih u tinkoraġġih. Tgħid li qatt ma għamlitlu xkiel fl-avvanz ta' l-istudji tiegħu u tal-karriera tiegħu, pero' hi dejjem baqgħet id-dar tieħu ħsieb

[35] Ara l-affidavit eżebit a folio 204 (Vol.II).
[36] Ara l-affidavit eżebit a folio 205 (Vol.II).
[37] Ara l-affidavit eżebit a folio 206 (Vol.II).
[38] A folio 933 (Vol.IV).
[39] A folio 833 (Vol.IV).
[40] Ara l-affidavit ta' Mary Iris Micallef a folio 843 (Vol.IV).
[41] A folio 905 (Vol.IV).
[42] A folio 911 (Vol.IV).

il-familja. Il-konvenuta tgħid li l-attur kien dak li jipprovdi finanzjarjament għall-familja, u li kellu paga tajba. Tgħid li hi kienet tħalli f'idejh u tafdah kompletament, inkluż meta kienu jieħdu xi self mill-Bank[43].

1.10. Illi l-konvenuta tgħid illi r-raġuni għalfejn hi u l-attur bidlu r-residenza tagħhom tant drabi kienet b'deċiżjoni tat-tnejn li huma, għaliex kienu jiddejjqu fejn ikunu u jfittxu band'oħra[44]. Dwar meta marru jgħixu s-Swieqi, il-konvenuta tgħid li kemm hi u kemm l-attur kien ikollhom xi jgħidu mal-ġirien. Pero' meta l-attur telaq, ir-relazzjoni tal-konvenuta mal-ġirien tjiebet ferm, tant li meta waqt il-kawża odjerna għamlet perjodu mingħajr ilma, kienu l-ġirien li assistuha u mhux l-attur[45]. Dwar id-deċiżjoni biex id-dar konjugali fi Swieqi titwaqqgħa u minflok jinbena blokk t'appartamenti, il-konvenuta tgħid li din kienet idea ta' l-attur, u li dak il-proġett ħa ħsiebu kollu l-attur, billi dawn kienu affarijiet ta' l-irġiel. Hi nvolviet ruħha biss fil-*finishings*[46]. L-attur jgħid li ma jiftakarx li kellu xi jgħid mal-ġirien tagħhom fi Swieqi, pero' jiftakar li kellu xi jgħid ma xi ġâr miż-żmien li fih il-kontendenti kienu għadhom joqgħodu Birkirkara[47].

1.11. Illi l-konvenuta ssostni li l-inkwiet bejnha u bejn l-attur beda fis-sena 2010, meta l-attur beda fl-impjieg tiegħu mal-kumpannija Polidano Brothers Limited[48]. Hija tgħid li dan l-inkwiet nibet għaliex kien f'dan iż-żmien illi l-attur sar jaf lil ċertu Judith Galea, li magħha l-attur qiegħed attwalment jikkoabita. Il-konvenuta tgħid li l-attur kien beda jiġġieled magħha ta' xejn, u li kien jgħidilha li kellu ħafna pressjoni fuq ix-xogħol. Il-konvenuta tgħid li l-attur kien l-uniku imħabba f'ħajjitha, u li għalhekk kienet temmen dak kollu li jgħidilha.

1.12. Illi l-konvenuta stqarret illi pero', wara saret taf li l-problema ta' l-attur ma kinitx il-pressjoni tax-xogħol. Tgħid illi dak iż-żmien, Judith Galea kienet imlaħħqa fil-kumpannija Allcare Insurance, u li kienet hi li kienet tagħmel pressjoni fuq l-attur[49]. Tgħid illi l-attur beda jiġi lura d-dar tard bil-lejl, u kien jgħidilha li kellu xi ikla tax-xogħol jew tal-futbol.

1.13. Illi l-konvenuta ssemmi li f'Lulju tas-sena 2010, hi u l-familja tagħha marru *cruise*. Tgħid illi proprju f'dik il-*cruise*, l-attur kien introduċiha ma' l-imsemmija Judith Galea. Għall-konvenuta, f'dik l-epoka, Judith Galea kienet biss konoxxenza oħra ta' l-attur mix-xogħol tiegħu, u ma kellha ebda suspett. Pero' tilmenta li matul il-*cruise*, kemm din Judith Galea u kemm oħt Judith, Joanna, kienu l-ħin kollu moħħhom fiha, fl-attur u fil-familja tagħhom.

---

[43] A folio 834 (Vol.IV).
[44] A folio 905 (Vol.IV).
[45] A folio 906 (Vol.IV).
[46] A folio 906 (Vol.IV).
[47] A folio 912 (Vol.IV).
[48] Ara folio 834 (Vol.IV).
[49] A folio 834 u 835 (Vol.IV).

1.14. Illi l-konvenuta ssostni illi sadanittant, il-ġlied bejnha u bejn l-attur kompla jiżdied. L-attur kien waqqaf għal kollox il-ħruġ tiegħu mal-familja, għaliex ma riedx iqattgħa ħin magħha. Il-konvenuta tgħid li kienet tibkilu biex joħorġu flimkien. Il-konvenuta ssemmi okkażjonijiet fejn kienet preżenti f'attivitajiet li l-attur kien ikollu b'rabta mal-kariga tiegħu fil-Malta Football Association, u fejn l-attur kien ikun il-bogħod minnha, u fejn kienet tisma' lill-attur igerger fuq iż-żwieġ tagħhom u jwissi lil ħabib tiegħu li kien wasal biex jiżżewweġ li ż-żwieġ huwa l-ikbar żball li jista' jagħmel[50]. Mary Iris Micallef, omm il-konvenuta, tgħid illi kien ukoll f'din l-epoka illi l-attur waqaf iżurha fid-dar tagħha, u kien jillimita ruħu li jwassal lill-konvenuta u lit-tfal, u jibqa' sejjer[51].

1.15. Illi l-konvenuta tgħid li minn Jannar tas-sena 2011 sa April ta' l-istess sena, l-attur waqaf jorqod fis-sodda tagħhom. Tgħid illi kienu għamlu perjodu ta' sitt xhur ma jkollhomx x'jaqsmu flimkien, u tgħid li dan ma kienx normali għall-attur li ma kienx joqgħod mingħajr attivita' sesswali. Il-konvenuta tgħid li kaġun ta' dan kollu kienet ir-relazzjoni adultera li l-attur kellu ma' Judith Galea. Il-konvenuta tgħid li fl-epoka meta hi u l-attur kien għad ikollhom x'jaqsmu flimkien, hi kienet bdiet tbati minn infezzjonijiet li skont il-ġinekologa kuranti tagħha kienu jiġu biss meta jkun hemm aktar minn sieħeb wieħed involut fir-relazzjonijiet sesswali ġenerali. Il-konvenuta tgħid li tant kellha fiduċja fl-attur li kienet wieġbet lill-ġinekologa li dan ma setax ikun[52]. Il-konvenuta tgħid pero' li dawn l-infezzjonijiet waqfu hekk kif waqfet l-attivita' sesswali ta' bejnha u bejn l-attur. Tgħid li lill-attur qatt ma qaltlu xejn dwar dawn l-infezzjonijiet[53].

1.16. Il-konvenuta tixhed li l-attur telaq mid-dar konjugali fil-11 t'April 2011, u qal lill-konvenuta li kien sejjer jgħix għand ommu biex jistrieħ għax kellu ħafna pressjoni fuq ix-xogħol. Tgħid li wara l-partenza tiegħu, ma baqax jikkomunika la magħha u lanqas mat-tfal[54] minkejja tentattivi min-naħa tagħha, sakemm wara ġimagħtejn kien ċemplilha biex jistaqsiha x'se jagħmlu. Il-konvenuta weġbitu li kellu jiġi lura d-dar għax kemm hi u kemm uliedhom kienu ħa jiġġennu mingħajru. Pero' l-attur weġibha li kemm ilu li telaq kien straħ u kien jinsab kuntent[55].

1.17. Illi Wendy Micallef, oħt il-konvenuta, wkoll ippruvat titkellem ma' l-attur wara li telaq mid-dar konjugali. L-attur pero' kien deċiż li ma jmurx lura għand il-konvenuta, u li mal-konvenuta dwejjaq biss kellu[56].

---

[50] A folio 835 (Vol.IV).
[51] A folio 844 (Vol.IV).
[52] A folio 836 (Vol.IV).
[53] A folio 926 (Vol.IV).
[54] A folio 837 (Vol.IV).
[55] A folio 837 (Vol.IV).
[56] Ara l-affidavit ta' Wendy Micallef a folio 929 (Vol.IV).

1.18. Illi l-konvenuta tistqarr li kienet waqgħet f'dipressjoni qawwija, fejn kienet tibki l-ħin kollu u kienet persistentement titlob lill-attur jiġi lura d-dar. Pero' l-attur ma riedx jaf. Tgħid li l-attur kien mgħomi minn Judith Galea, u ma ried jaf b'xejn aktar, u li skont hu, uliedu kienu se jidraw mingħajru u li ma kienx se jiġi lura d-dar minħabba t-tfal, għax din id-darba kellu jaħseb għalih innifsu biss. Il-konvenuta tgħid li anke d-dar t'ommu marret biex tiltaqa' miegħu, pero' sabet li l-attur akkost ta' kollox ma riedx jiġi lura d-dar. Il-konvenuta tgħid li minħabba dan kollu hija marret lura ferm f'saħħitha, u anke t-tfal batew b'mod speċjali ż-żgħira fosthom. Sadanittant, l-attur kien joħroġ u jiddeverti mal-ħbieb tiegħu[57]. Omm il-konvenuta tikkonferma illi f'din l-epoka bintha naqset ħafna mill-piż "*... u kienet migduda ħafna*"[58].

1.19. Illi l-imsemmija Judith Galea ġiet ukoll prodotta biex tixhed mill-konvenuta. Judith Galea xehdet illi lill-attur ilha tafu minn Ġunju tas-sena 2010, u saret tafu fi żmien meta huwa kien jokkupa l-kariga ta' *Chief Financial Officer* mal-kumpannija Polidano Brothers Limited, li kienet klijent kbir tal-kumpannija Allcare Insurance, li tagħha Judith Galea kienet *Chief Executive Officer*[59]. Judith Galea tistqarr li r-relazzjoni tagħha ma' l-attur bdiet f'Ġunju tas-sena 2011 liema relazzjoni kienet għadha għaddejja. Tgħid li kemm kienet ilha ma' l-attur, siefru l-Portugal, Seville, Londra, u xi postijiet oħrajn fl-Ewropa. Fis-sena 2013, marru *cruise*. Judith Galea tistqarr illi l-attur kien qed jikkoabita magħha f'Birkirkara. Ġew eżebiti wkoll diversi ritratti[60] li juru lill-attur u lil Judith Galea waqt is-safar jew ħruġ tagħhom. Skont Judith Galea, dawn ir-ritratti ttieħdu kollha minn Settembru 2011 'l quddiem[61].

1.20. Illi xehdet anke Kayleigh B, l-ikbar bint tal-kontendenti[62]. Kayleigh B għamlet referenza għall-*cruise* li għalih marret il-familja B fis-sena 2010, u tgħid li ommha kienet tkompli u kull meta ħarġu kienet magħhom. Tgħid li ommha kienet toħroġ kif jagħmlu nies oħra, u l-ħajja tal-familja tagħhom qabel il-firda kienet waħda għal kollox normali, għalkemm il-ġenituri tagħha fl-epoka qabel il-firda kienu jiġġieldu ta' spiss. Hi stqarret li wara l-firda żammet kuntatt regolari ma' missierha u dan kemm billi tiltaqa' miegħu u kemm permezz tat-telefon. Issemmi wkoll inċident fejn hi beżgħet li ommha setgħet taqbeż għal isfel mill-gallarija, u tgħid li ċemplet lill-attur beżgħana dwar dan u li kienu anke ġew il-Pulizija dakinhar[63]."

---

[57] Ara folio 838 u 839 (Vol.IV).
[58] A folio 844 (Vol.IV).
[59] A folio 850 (Vol.IV).
[60] Minn folio 860 sa 870 (Vol.IV).
[61] A folio 850 (Vol.IV).
[62] Afolio 892 (Vol.IV).
[63] A folio 893 (Vol.IV).

Claudio Martinelli, fl-affidavit tieghu mahluf fil-15 ta' Mejju 2014, Fol 831 iddikjarali ilu jaf lill-attur min mindu kellu 17 il-sena billi kienu jilaghbu l-football fl-istess team, wara kienu t-tnejn involuti mal-Kumitat ta' Msida St Joseph, u wara mal-Malta Football Association. Hu kkonferma li huma hbieb kbar, li l-attur kien ta' spalla ghalih meta hu ssepara minn martu, u dejjem tah pariri responsabbli biex jipprova jsalva z-zwieg.

Kien jiltaqa' mal-attur Paradise Bay fis-sajf u kien innota li mart l-attur ma kinitx tissocjalizza, toqghod wahedha u prattikament ma tkellem lil hadd. Hu innota li bejn il-partijiet kien hemm distakk kbir. L-attur dejjem kien jattendi wahdu fl-okkazzjonijiet socjali, l-attur kien stqarr max-xhud u l-partner tieghu Claire, li kien jfittex ' quality time' mal-konvenuta izda din ma kienet turi l-ebda interess.

Ix-xhud qal li darba ltaqghu fuq cruise, l-attur kien mal-familja tieghu u x-xhud kien mal-partner tieghu Claire u x-xhud innota li l-attur kien il-hin kollu jkun wahdu, lanqas fil-ghaxija ma kien jarahom flimkien. L-attur kien ikun ma' uliedu l-bniet u l-konvenuta kienet tkun rieqda fil-gabina. Ix-xhud jghid li f'seba' tijiem shah bilkemm ra lill-konvenuta. L-attur kien jghid lix-xhud li l-konvenuta kienet tinjorah meta kien jghidilha li r-relazzjoni taghhom kienet sejra hazin u kellhom bzonn ta' hin flimkien.

Darba il-konvenuta ltaqghet mieghu fil-kaffetterija Misto f'Tas-Sliema u qisha riedet tinsinwa mieghu li l-attur ried jissepara minn maghha ghax kien jara lilu kuntent mal-partner li kellu u thajjar. Ix-xhud ikkonferma li hu dejjem ghin lill-attur kif l-attur kien ghin lilu, biex jipprova isalva z-zwieg.

Hu kkonferma li l-attur kien ragel sew u tal-familja u ghamel min kollox biex izomm lil martu u lil uliedu komdi u kuntenti, in fatti biddlu r-residenza aktar minn darba biex l-attur jara lill-konvenuta kuntenta.

Ix-xhud kien sorpriz meta sar jaf li l-attur telaq mid-dar. Il-pjan tal-attur kien li jqatta' ftit zmien wahdu izda meta l-konvenuta biddlet is-serratura tad-dar l-attur ma kellux alternattiva ohra. L-attur kien qallu li biex wasal biex jiehu dan il-pass kien wasal fl-estrem. Hu ikkonferma li l-attur jinsab f'relazzjoni pero' skont ix-xhud din bdiet wara li l-attur kien spicca r-relazzjoni tieghu mal-konvenuta.

Wendy Micallef, oht il-konvenuta, fl-affidavit taghha mahluf fit-23 ta' Gunju 2014, Fol 928 ikkonfermat li kien fit-2008 li bdiet tinnota li l-attur kien qed jibdel l-atteggjament tieghu ma' ohtha. Kellu zewg mobiles u ma kien jhalli lil hadd juza wiehed minnhom, hi ghalhekk bdiet tissuspetta li kien hemm xi haga hazina.

Fil-Milied tat-2010 kienet stiednet lil-partijiet ghandha u fejn qabel l-attur kien ikun dejjem dhuli u jiccajta dakinhar kien jidher b'wiccu mimli nervi. Kien qisu f'dinja ghalih u rrealizzat kemm tbiddel u kemm ma kienx qed ihossu komdu maghhom. Hi ltaqghet mal-attur fit-triq xi jumejn wara li telaq mid-dar, staqsitu x'kien gara bejnu u l-konvenuta, u hu kien irrisponda li ma setghax jkompli mal-konvenuta ghax iddejjaq. Wara xi tlett ijiem l-attur cempillha u qalilha biex tiehu hsieb D, hi heggietu biex jerga' imur lura d-dar u hu wiegebha li ma kienx ser imur id-dar imdejjaq mal-konvenuta minnhabba t-tfal ghax dawn jikbru u jitilqu, qalilha ukoll " Jien tant kemm sirt nhoss dwejjaq b'ohtok illi kif idoqqli l-mobile u narha isimha, dwejjaq kbar jaqbduni".

L-attur kien jghidilha li hu kien mdejjaq ma' ohtha ghax din kienet dejjem tgerger u hi kienet tghidlu li dik mhiex raguni biex jitlaq lilha u lit-tfal. Hi kienet bkiet mieghu biex jmur lura d-dar ghax ma riditx li ohtha tghaddi mit-tbatija ta' separazzjoni, izda hu dejjem baqa' jsostni li ma riedx jmur lura d-dar. Hi kkonfermat li ohtha l-konvenuta f'dak iz-zmien kienet fi stat disastruz. Darba l-attur kien qalilha li ma kienx xi wiehed disgrazzjat u li f'zmien sitt xhur ikollu ohra. Hi tghid li nhasdet b'dan il-kumment u kkonfermet li A diga' kellu lil haddiehor f'hajtu.

Darba kienet qed issuq Birkirkara twassal lit-tifla l-iskola u rat lil A ghaddej bil-karozza tieghu flimkien ma' tifel liebes l-uniformi u saret taf li it-tifel kien ta' Judith Galea is-siehba ta' A. Darba ohra ratu kmieni filghodu liebes pulit ghax-xoghol hiereg minn post f'Birkirkara. Wara irrizultalha li d-dar kienet ta' Judith Galea cioe' il-persuna li maghha A kellu relazzjoni. Kull meta tghaddi minn hemm filghodu kmieni tara l-karozza tieghu pparkjata hemmhekk. Il-karozza hi tal-ghamla Alfa Romeo numru ANT 166 ta' kulur iswed.

L-attur, b'nota tat-28 ta' Ottubru 2013 ipprezenta l-affidavit ta' Joanna Galea, Fol 204, ta' Ramona Mifsud Fol 205 u ta'Anna Speranza, Fol 206, mahlufa fid-9 ta' Ottubru 2013. Dawn ikkonfermaw li ilhom hbieb tal-attur ghal madwar sentejn u li huma grupp ta' hbieb li johorgu flimkien fil-weekend, jieklu barra jew f'xi diskoteka. Lill-konvenuta ma jafhuhiex personalment izda jafu min hi ghax kien indikahielhom l-attur. Huma ikkonfermaw li fis-sajf tat-2013 prattikament kull weekend li hargu, il-Gimgha u Sibt kienu jaraw lill-konvenuta fil-postijiet ta' divertiment fejn kienu jkunu huma u bhalhom kienet iddum barra sas-sieghat bikrin ta' filghodu. Gieli rawha tizfen ma' xi rgiel u anke ipprovat tipprovoka lill-attur billi tghaddi minn bejnu u l-persuna li jkun qed ikellem, izda qatt ma nqalghu incidenti.

B'verbal registrat fis-seduta tad-9 ta' Jannar 2015 mizmuma mill-Perit Legali, Fol 891, il-partijiet iddikjaraw li fil-mori tal-kawza bieghu l-appartament 113/2, Triq

r-Ratal, Ibragg u bir-rikavat l-partijiet hallsu d-dejn li kellhom mal-Banif Bank plc, ma' S A W Limited u ma' Coleiro General Supplies Limited. Sar ukoll hlas akkont lill-Bank of Valletta plc fl-ammont ta' Euro 32,526.34. Il-Bank of Valletta plc biss illum ghadu kreditur tal-partijiet.

**KONSIDERAZZJONIJIET.**

Il-partijiet zzewgu fl-24 ta' Frar 1990. It-tifla Kayleigh twieldet fl-10 ta' April 1994 u t-tifla Nicole twieldet fl-1 ta' Novembru 1996. Huma sseparaw 'de facto' fil-11 ta' April 2011. L-attur jghid li telaq mid-dar matrimonjali u mar jghix ghand ommu biex jistrieh billi kellu hafna pressjoni fuq ix-xoghol u l-hajja d-dar kienet saret insopportabbli. Il-konvenuta ripetutament talbitu jirritorna izda hu insista li mindu telaq ha r-ruh u ma riedx jirritorna. Wara xi gimghatejn cempillha u staqsiha x'kienu ser jaghmlu. L-attur xtaq li jisseparaw bonarjament.

Peress li l-partijiet ma waslux ghal separazzjoni bonarja, l-attur ipproceda bil-kawza odjerna.

Permezz tar-rikors promotur l-attur qed jitlob fl-ewwel lok li l-konvenuta tigi misjuba unikament hatja ghat-tkissir taz-zwieg. Fil-premessi tieghu l-attur jallega li l-attrici hi responsabbli ghal adulterju; abbandun; eccessi; mohqrija; theddid u offizi gravi; u peress li z-zwieg tkisser irrimedjabbilment unikament tort tal-konvenuta.

Il-konvenuta min-naha taghha intavolat kontro-talba kontra l-attur. Il-konvenuta rikonvenzjonanti tallega li l-attur rikonvenzjonat huwa unikament hati ghat-tkissir taz-zwieg tal-partijiet minhabba adulterju; sevizzi; ingurji gravi; eccessi u mohqrija.

***<u>Provvedimenti tal-Ligi Applikabbli ghall-Kaz</u>***

Issir referenza ghall-artikoli tal-ligi l-aktar rilevanti ghall-kaz in ezami:-

**Artikolu 3 tal-Kap. 16:**
*'Il-partijiet fiż-żwieġ għandhom l-obbligu, kull waħda minnhom skont il-mezzi u l-ħila tagħhom, li jaħdmu kemm jekk fid-dar kif ukoll barra mid-dar kif jinħtieġu l-interessi tal-familja, li jmantnu lil xulxin u li jikkontribwixxu għall-ħtiġiet tal-familja.*

**Artikolu 38 tal-Kap. 16:**
*'Kull parti mizewwga tista' titlob il-firda minhabba l-adulterju tal-parti l-ohra'.*

**Artikolu 40 tal-Kap. 16:**
*'Kull wahda mill-persuni mizewwgin flimkien tista' titlob il-firda minhabba eccessi, mohqrija, theddid jew offizi gravi tal-parti l-ohra kontra l-attur, jew kontra xi wiehed jew iehor mit-tfal tieghu, jew minhabba li l-hajja flimkien ma tkunx ghadha possibbli ghax iz-zwieg ikun tkisser irremedjabilment.'*

**Artikolu 48 tal-Kap 16:**
*(1) Il-parti, ir-ragel jew il-mara, illi tkun hatja tal-firda ghal wahda mir-ragunijiet*
*msemmijin fl-artikoli 38 u 41 titlef-*
*(a) il-jeddijiet msemmijin fl-artikoli 631,633, 825,826 u 827;1*
*(b) dak kollu li tkun kisbet mill-parti l-ohra b'donazzjoni bi hsieb taz-zwieg, jew waqt iz-zwieg, jew taht titolu iehor gratuwitu;*
*(c) kull jedd ta' parti mizzewga ghan-nofs tal-akkwisti illi jkunu saru l-aktar bil-hidma tal-parti l-ohra wara data stabbilita mill-qorti bhala d-data meta l-parti ghandha tkun kunsidrata li minnha tkun hatja tal-firda. Ghall-finijiet ta' dan il-paragrafu biex jigi determinat jekk akkwist ikunx sar l-aktar bil-hidma ta' wahda mill-partijiet fiz-zwieg, ghandhom jitqiesu l-kontributi b'kull mod taz-zewg partijiet skont l-artikolu 3;*
*(d) il-jedd li iggieghel lill-parti l-ohra,f'kull kas,li taghtija l-manteniment bis-sahha tal-obbligu li jitnissel miz-zwieg.*

*(2) Il-hwejjeg imsemmijin fis-subartikolu (1)(b) jergghu jmorru ghand il-parti l-ohra, u l-akkwisti imsemmijin fil-paragrfu (c) ta' dak is-subartikolu jibqghu kollha ghal din il-parti, bla hsara tal-jeddijiet li l-ulied jew terzi persuni ohra jkunu kisbu fuq dawk l-istess hwejjeg qabel ma is-sentenza tal-firda tkun giet imnizzla fir-Registru Pubbliku.'*

**Artiklu 51:**
*'Il-firda li ssir minħabba xi waħda mir-raġunijiet imsemmijin fl-artikolu 40, tista' jkollha l-effetti msemmijin fl-artikolu 48, meta l-qorti jidhrilha li, taħt iċ-ċirkostanzi tal-każ, għandhom igħoddu, f'kollox jew f'biċċa, id-disposizzjonijiet ta' dak l-artikolu.'*

**Artiklu 52:**
*'Hu mħolli wkoll f'idejn il-qorti li tiddeċiedi, skont iċ-ċirkostanzi, jekk id-disposizzjonijiet tal-artikolu 48 għandhomx igħoddu, f'kollox jew f'biċċa, għar-raġel u għall-mara, jew għal wieħed jew għall-oħra biss, inkella, m'għandhomx igħoddu għal ħadd minnhom, jekk il-wieħed u l-oħra jkunu ħtija ta' egħmil li jagħti lok għall-firda.'*

**ECCESSI; MOHQRIJA; THEDDID; OFFIZI GRAVI**.

In tema legali ssir referenza ghas-sentenza tal-Qorti tal-Appell fl-ismijiet **Susan Armeni vs Leonard Armeni**, deciza fit-30 Ottubru 2015, fejn il-Qorti enuncjat:

*'25. Din il-Qorti tosserva li z-zwieg huwa intiz sabiex il-partijiet jizviluppaw bejniethom komunjoni ta' hajja u ta' imhabba kemm lejn xulxin kif ukoll lejn it-tfal taghhom u l-konjugi ghandhom jagixxu fl-interess tal-familja li ghandha tkun l-ewwel prijorita` fiz-zwieg.*

*- omissis –*

*28. Il-hajja matrimonjali tezigi impenn kontinwu dirett lejn l-interessi tal-familja anke jekk dan ifisser li parti tirrinunzja temporanjament jew anke permanentament ghal xi haga li tkun thobb taghmel u dan b'mod partikolarment fejn fiz-zwieg jitwieldu t-tfal ghax f'dan il-kaz dak li hu ta' priorita` huwa l-obbligu taz-zewg genituri li jiehdu hsieb it-trobbija u l-benessere tat-tfal taghhom, almenu sakemm dawn isiru maggjorenni u indipendenti.'*

Iwasslu ghal sejba ta' htija fit-tkissir taz-zwieg dawk is-sevizzi, minacci u ingurji gravi jkunu kommessi abitwalment u ripetutament. Fis-sentenza **Jayne Margaret Chetcuti vs Lawrence Chetcuti**", moghtija mill-Qorti tal-Appell fil-15 ta' Dicembru 2015, gie dikjarat illi:-

"*... mhux kull nuqqas da parti ta' konjuġi versu l-konjuġi l-ieħor jwassal għal sevizzi, minaċċi jew inġurja gravi fit-termini tal-Artikolu 40 tal-Kodiċi Ċivili u huma biss dawk in-nuqqasijiet li, magħmula ripetutament u abitwalment, iweġġħu u jferu lill-konjuġi sal-grad li l-konvivenza matrimonjali ssir waħda diffiċli u insapportabbli. Kif jinsab ritenut fil-ġurisprudenza patria: "Per sevizie nel senso della legge s'intendono atti abituali di crudelta' che offendono la persona o l' animo di colui e sono diretti al punto da ingenerare in lui perturbazione, un dolore ed un aversione verso chi commette tali atti. [PA **Camilleri utrinque**, 16 Marzu 1898]." Kif osservat fil-kawża ċitata mill-ewwel Qorti PA **Catherina Agius v Benedict Agius**, deċiża 13 Gunju 1967 il-fatturi kontemplati fl-Artikolu 40 fuq ċitat iridu jkunu tali li joħolqu sitwazzjoni fejn il-partijiet jispiċċaw jgħixu "f'sistema costante di vessazione e di disprezzo, di oltraggio e di umiliazione che rendono almeno insapportabili l' abitazione e la vita comune*"[64].

**DISTINZJONI BEJN SEVIZZI U ECCESSI.**

[64] **Jayne Margaret Chetcuti vs. Lawrence Chetcuti**, 15/12/2015.

Peress li l-partijiet addossaw kontra xulxin in-nuqqasijiet kollha kontemplati fl-artikolu 40 tal-Kap. 16, jehtieg li jigu ezaminati l-provi akwiziti fid-dawl ta' dak reciprokament allegat.

Il-Qorti tabbraccja d-distinzjoni bejn 'sevizzi' u 'eccessi' delineata abilment mill-Perit Legali fir-rapport minnu redatt b'referenza ghad-dottrina esposta minn Fadda u Baudry Lacantinerie.

"**Eccessi**" huma atti ta' violenza kommessi minn konjugi fil-konfront tal-konjugi l-iehor jew l-ohra illi huma tant gravi li jistghu ipoggu fil-perikolu is-sahha jew addirittura l-hajja ta' dak li jkun. Tali vjolenza tista' tkun mhux biss fizika izda wkoll psikologika. Vjolenza psikologika gravi, kostanti u fuq medda ta' zmien tista' wkoll twassal ghad-dannu fis-sahha ta' min jissubixxi tali vjolenza psikologia u ghalhekk tikwalifika wkoll bhala "Eccess" fit-termini tal-Artkolu 40 tal-Kap. 16.

"**Mohqrija**", jew kif aktar insibuwha fil-gurisprudenza, "**Sevizzi**", huma atti gravi ta' krudelta' illi ghalkemm ma jpoggux il-hajja jew is-sahha ta' min jissubixxi tali azzjoni fil-perikolu, jikkostitwixxu tortura fizika jew psikologika. Tali azzjonijiet ta' krudelta' jikkwalifikaw bhala "mohqrija" fit-termini tal-Artikolu 40.

Sabiex azzjoni tikwalifika ghal nuqqas taht l-Artikolu 40 jehtieg li tkun mhux biss gravi izda wkoll abitwali. Il-Prim Awla tal-Qorti Civili fis-sentenza **Charmaine mart Alfred Zahra f'isimha proprio u bhala legittima rapprezentanti ta' uliedha minuri Shannon u Brandon vs Alfred Zahra** moghtija fis-27 ta' Gunju 2003, ddikjarat illi:

*"...ghalkemm l-inkompatibilita` tal-karattru per se` ma tikkostitwix motiv fost dawk elenkati mil-ligi li jakkorda d-dritt ghas-separazzjoni, eppure "la stessa non puo non essere presa nella debita considerazione dalla Corte per la valutazione della gravita` delle cause che avessero determinato una delle parti ad adire il tribunale per ottenere la separazione" (Vol. XXVIII P II p 298). Tant dan hu hekk illi fl-istess sentenza jinghand ukoll illi "un contegno di indifferenza persistente da parte di un coniuge verso l'altro costituisce una sevizia morale";*[sottolinear tal-Qorti]

*Issa kif gie espress fid-decizjoni a Vol. VIII pag. 877, "per potersi pronunciare la personale separazione dei coniugi per sevizia e cattivi trattamenti, come fu ripetutamente giudicato dei tribunali francesi, bisogna che tali sevizie e mali trattamenti siano abituali e che abbiano un carattere di gravita` che stabiliscono un sistema costante di vessazione e di disprezzo, di oltraggi e di umiliazioni che rendono almeno insopportabile l'abitazione e la vita comune."*

Il-gurisprudenza nostrana ikkonsidrat manifestazzjonijiet kontinwi u fit-tul ta' indifferenza persistenti minn konjugi lil konjugi l-iehor jew l-ohra bhala ammontanti ghal sevizzi fis-sens tal-Artikolu 40. (Vide **Charmaine Zahra pro et noe vs. Alfred Zahra,** Prim'Awla, 27 ta' Gunju 2003 - "Il-Qorti tahseb li r-ragunijiet adotti huma sfumaturi ta' listess haga peress illi anke ghalkemm l-inkompatibilita` tal-karattru per se` ma tikkostitwix motiv fost dawk elenkati mil-ligi li jakkorda d-dritt ghas-separazzjoni, eppure "la stessa non puo non essere presa nella debita considerazione dalla Corte per la valutazione della gravita` delle cause che avessero determinato una delle parti ad adire il tribunale per ottenere la separazione" (Vol. XXVIII P II p 298). Tant dan hu hekk illi fl-istess sentenza jinghand ukoll illi "**un contegno di indiferenza persistente da parte di un coniuge verso l'altro costituisce una sevizia morale**"; (sottolinear ta' din il-Qorti). Ix-xehha abitwali u persistenti hija wkoll konsiderata mid-dottrina bhala ammontanti ghal sevizzi. (vide [1] **Mary Grace Mallia vs. Alfred Mallia**, Prim'Awla, 26 ta' Gunju 2003 fejn insibu s-segwenti: "Illi fil-kawza fl-ismijiet "**C Vella pro. et. noe vs George Vella**" (PA Cit. Nru. 2466/1996 PS) deciza fit-28 ta' Frar 2003 intqal li l-Qorti, "sabiex tasal biex taghti affidament lix-xhieda ta' l-attrici u dawk tal-familjari taghha illi l-konvenut kien xhih u jonfoq biss ghalih ghax skont zijietu hu qed jahdem ghalihom u jaqla' l-flus. Ix-xehha pero` ma tistax f'dan il-kaz tigi kwalifikata taht l-ebda wiehed mill-kapi addebitati mill-attrici, in kwantu din pjuttost tirrientra fost il-motiv ta'l-eccessi jew tas-sevizji, u dawn il-motivi ma gewx avvanzati minnha. "L'avarizia, quando e` portata agli eccessi, puo` essere cagione di continue ed incessanti molestia e sevizie ..." (Vol. IX p 418; Vol. XXVIII P II p 441; Vol. XLVIII P I p 353.".

Illi gie kostantament ritenut li sevizzi "joffendu l-persuna li kontra taghha huma diretti b'mod li jiggeneraw dulur, ezacerbazzjoni u avversjoni profonda kontra l-konjugi li jkun hati taghhom" (Vol. XXXI Pt1 p200; Vol.XXVI P1 p 246).

Ikkunsidrat

**L-Azzjoni Attrici dwar it-Tkissir taz-Zwieg**.

L-attur jakkuza lill-konvenuta bit-tkissir taz-zwieg taghhom ghaliex isostni illi, kuntrarju ghal dak li ghamel il-Perit Legali, kien necessarju illi l-ilmenti tal-attur fil-konfront tal-konvenuta jittiehdu in konsiderazzjoni flimkien u mhux individwalment. L-allegazzjoni principali tal-attur fil-konfront tal-konvenuta hi illi fuq medda twila ta' snin il-konvenuta ma kienet qatt turi apprezzament lejh ghal dak kollu li kien qed jaghmel ghall-familja, li ma kinitx tappoggjah jew tghinu fil-progetti li flimkien ikunu dahlu ghalihom u li maz-zmien kienet tirrifjuta li takkumpanjah ghall-attivitajiet socjali li l-attur kien ikollu.

L-attur jilmenta illi l-partijiet kellhom ibiddlu diversi drabi id-dar matrimonjali taghhom ghaliex il-konvenuta kienet persistentement tgorr dwar fejn ikunu qed joqghodu. Jirrizulta illi ghal bidu taz-zwieg taghhom il-partijiet marru joqghdu f'appartament, imbaghad akwistaw maisonette u sussegwentement dar fl-Ibragg. Huwa ammess mill-konvenuta illi kien hemm litigji bejn il-partijiet ghaliex hi riedet titlaq mis-Swieqi. Fil-fehma tal-Qorti l-insistenza tal-konvenuta li titlaq mis-Swieqi ma kkontribwixxietx ghat-tkissir taz-zwieg tal-partijiet. Huwa evidenti mill-kumpless tal-provi illi kull traslok tal-familja tal-partijiet minn fond ghal iehor kien dejjem ghal residenza ta' kwalita' superjuri minn dik ta' qabilha. Tant hu minnu dan illi l-ahhar progett tal-partijiet, it-twaqqieh ta' dar u l-bini minflok ta' numru ta' appartamenti u penthouse fil-livell superjuri kien proprju intiz sabiex jigu generali fondi sufficjenti u l-partijiet jakwistaw 'villa bil-pool'. Min imkien ma jirrizulta illi dan il-progett l-attur dahal ghalih kontra qalbu. Ghal kuntrarju il-Qorti fehmet illi l-attur kien jiddedika hafna mill-hin tieghu ghax-xoghol proprju sabiex bid-dhul generat ikun jista' jibqa' jimmeljora l-hajja tal-familja taghhom. Ma hux verosimili dak li jallega l-attur illi huwa dahal ghal dak il-progett, relattivament massiv ghall-partijiet, bil-hsieb li l-konvenuta tinvolvi ruhha direttament. L-attur stess jghid illi minn qabel ma kellhom l-ewwel wild il-konvenuta kienet waqfet tahdem u li kienet tqatta' l-hin taghha tahdem id-dar billi tiehu hsieb l-esigenzi tal-familja fid-dar b'mod partikolari tiehu hsieb lit-tfal. L-ilment tal-attur illi sahansitra l-konvenuta ma kenitx accettat li ccempel lill-kuntrattur huwa fil-fehma tal-Qorti ingustifikat.

Evalwati l-provi kollha mressqa mill-partijiet, inkluz it-testimonjanza taghhom, fejn xhedu anke quddiem din il-Qorti u ghalhekk kien hemm l-opportunita' li ssir evalwazzjoni ta' xhieda mismugha viva voce, il-Qorti tasal ghall-konkluzzjoni illi iz-zerriegha tal-firda tal-partijiet tnisslet meta maz-zmien l-attur beda javvanza fil-karriera tieghu u beda dejjem aktar jiddedika hin ghax-xoghol u l-istudji tieghu; mentri l-konvenuta inqaghtet mid-dinja tax-xoghol barra mid-dar u ddedikat ruhha ghal hidma fid-dar u mat-tfal tal-partijiet. Huwa evidenti ghall-Qorti illi fuq medda twila ta' snin la l-attur ma kien japprezza x-xoghol u s-sagrificji tal-omm fil-hidma taghha fid-dar u mat-tfal u lanqas il-konvenuta ma kienet tapprezza x-xoghol u s-sagrificji tal-missier fil-hidma tieghu professjonali li finalment kienet tgawdi finanzjarjament il-familja kollha.

Jirrizulta illi filwaqt li l-partijiet investew hafna fil-gid materjali komuni, naqsu milli jiddedikaw daqstant iehor investiment fir-relazzjoni taghhom. Ma jidhirx li dak li kien qed isehh fir-relazzjoni ta' bejn il-partijiet wassal ghall-kollass tar-relazzjoni matrimonjali tant illi z-zewg partijiet baqghu jaghmlu progetti flimkien ghall-familja taghhom. In-nuqqas ta' apprezzament reciproku ma kienx fil-fehma tal-Qorti tant gravi li jikwalifika bhala "sevizzi".

L-attur jallega illi huwa pprova jsalva z-zwieg taghhom meta talab lill-martu sabiex imorru ghand professjonisti. Jghid li din it-talba giet milqugha minn martu b'zeblih. Jghid li kien dan li waslu li jitlaq mid-dar matrimonjali u mar jabita ghand ommu. Isostni illi huwa ma abbandunax id-dar matrimonjali izda kienet il-konvenuta li zammitu milli jirritorna meta bidlet is-serratura tad-dar matrimonjali.

L-attur jitfa l-htija fuq il-konvenuta illi wara telaq mid-dar matrimonjali u mar jirrisjedi ghand ommu, l-konvenuta bidlet is-serratura. Jirrizulta li l-attur telaq mid-dar matrimonjali fil-11 ta' April 2011 filwaqt li l-kawza odjerna giet intavolata fit-18 ta' Jannar 2013 filwaqt li l-kontro-talba kontenenti l-allegazzjoni tal-abbandun fil-konfront tal-attur rikonvenzjonat giet intavolata fil-15 ta' April 2013.

It-trapass tas-sentejn rikjest bl-Artikolu 41 tal-kap. 16 huwa sodisfatt. Jibqa' ghalhekk jigi ezaminat jekk l-allontament mid-dar matrimonjali da parti tal-attur kienx gustifikat.

Jirrizulta illi b'sentenza tal-Qorti tal-Appell tat-28 ta' Frar 2014 il-konvenuta instabet hatja li fit-18 ta' Mejju 2012 u fix-xhur ta' wara fixklet lill-attur mill-pussess ta' hwejgu peress li bidlet is-serratura. Ifisser dan illi meta l-konvenuta bidlet is-serratura fit-18 ta' Mejju 2012 l-attur kien ilu li telaq mid-dar matrimonjali mill-11 ta' April 2011, aktar minn sena u xhar qabel f'liema perijodu allura kellu f'idejh ic-cwievet tad-dar matrimonjali u seta' jidhol lura fid-dar matrimonjali minghajr l-ebda xkiel fiziku. Il-Qorti ma fehmitx li l-attur istitwixxa l-kwerela fil-konfront ta' martu ghaliex genwinament ried jidhol lura fid-dar matrimonjali meta ex admissis f'dak iz-zmien kien gia' f'relazzjoni intima ma' terza persuna. Istitwixxa l-kwerela ghaliex deherlu illi filwaqt li kien f'relazzjoni intima' ma' mara ohra u jirrisjedi maghha xorta ried illi jibqa' jkollu access ghad-dar matrimonjali.

Fil-fehma tal-Qorti, meta l-attur hareg mid-dar matrimonjali fil-11 ta' April 2011 huwa la kellu raguni gustifikanti li jitlaq mid-dar u lanqas kellu l-intenzjoni li jirritorna. Mat-trapass tas-sentejn it-tluq tal-attur mid-dar matrinonjali jikkostitwixxi abbandun ai termini tal-Artikolu 41 tal-Kap. 16.

Ghaldaqstant il-Qorti qed tiddeciedi illi il-bdil fis-serratura tad-dar matrimonjali da parti tal-konvenuta ma kellu l-ebda kontribut fit-tkissir taz-zwieg tal-partijiet.

Fil-fehma tal-Qorti l-attur ma rnexxielux jipprova illi l-konvenuta kienet hatja ta' "adulterju, abbandun, eccessi, mohqrija, theddid u offizi gravi" kif allegat mill-attur fir-rikors guramentat tieghu.

**L-Azzjoni Rikonvenzjonali dwar it-Tkissir taz-Zwieg**.

Permezz tal-kontro-talba taghha l-konvenuta tallega illi ghat-tkissir taz-zwieg tal-partijiet kien jahti unikament l-attur rikonvenzjonat. Il-konvenuta timputa kontra l-attur "adulterju, sevizzi, ingurji gravi, eccessi u mohqrija" kif ukoll illi "l-attur rikonvenzjonat qabad u abbanduna lill-martu u lil uliedu ghall-habta ta' April tas-sena 2011".

Il-Qorti gia' sabet supra lill-attur rikonvenzjonat responsabbli ta' abbandun ai termini tal-Artikolu 41 tal-Kap 16

Jehtieg issa jigu evalwati l-provi referibbli ghall-allegazzjonijiet l-ohra mressqa mill-konvenuta in via rikonvenzjonali.

Ser thares primarjament lejn l-allegazzjoni tal-konvenuta li z-zwieg tkisser ukoll minhabba l-adulterju tal-attur.

Mhux kontestat mill-attur illi huwa ghandu relazzjoni intima ma' certu Joanna Galea, xhud f'dawn il-proceduri. L-attur jinsisti illi ghalkemm kien jafha minn qabel ma telaq mid-dar matrimonjali f'April 2011, huwa beda relazzjoni intima maghha f'Gunju tal-istess sena, u cioe' xahrejn wara li telaq mid-dar.

Il-Qorti ma temminx il-verzjoni li ta l-attur f'dan ir-rigward. Meta wiehed jifli l-provi imressqa sew dwar l-abbandun da parti tal-attur kif ukoll dwar l-adulterju tal-attur isib kontradizzjoni netta illi tkisser il-kredibilita' tal-attur f'dan ir-rigward.

L-attur jaqa' f'kontradizzjoni netta meta fl-ewwel lok jixhed illi meta telaq mid-dar matrimonjali huwa ma riedx jabbanduna l-familja izda li kien kostrett jitlaq u kien il-bdil tas-serratura tad-dar matrimonjali tlettax-il xahar wara li kkontribwixxa ghat-tkissir taz-zwieg tal-partijiet; u fl-istess nifs jammetti illi xahrejn biss wara li telaq mid-dar matrimonjali kien diga f'relazzjoni intima ma' Judith Galea liema relazzjoni ghadu fiha sallum.

Il-konvenuta ssostni illi l-attur kellu gia' relazzjonijiet intimi mas-siehba odjerna tieghu minn qabel ma telaq mid-dar matrimonjali u tghid illi fiz-zmien ta' qabel ma l-attur telaq mid-dar matrimonjali hija kienet bdiet tbati minn infezzjonijiet genitali li huma trasmessi bl-attivita' sesswali. Il-konvenuta pero' ma resqet l-ebda provi li b'xi mod juru li l-attur beda relazzjoni intima ma' Judith Galea minn qabel ma telaq mid-dar matrimonjali.

Pero' fil-fehma tal-Qorti dan il-fattur ta' zmien jekk ir-relazzjoni adultera tal-attur bditx minn qabel jew minn wara li telaq id-dar matrimonjali ma tantx hija rilevanti minhabba l-fatt li ex admissis l-attur jghid li xahrejn biss wara li telaq

mid-dar huwa kien diga f'relazzjoni intima maghha. Mill-kumpless tal-provi u fuq bazi ta' probabilita' l-Qorti qed tikkonkludi illi meta l-attur telaq mid-dar matrimonjali kien gia' ppjana illi jibda relazzjoni intima ma' Judith Galea. Din ir-relazzjoni adultera da parti tal-attur kienet il-fattur determinanti illi kisret darba ghal dejjem iz-zwieg tal-partijiet.

Tenut kont li l-Qorti qed issib lill-attur rikonvenzjonat responsabbli ghat-tkissir taz-zwieg minhabba adulterju u abbandun, mhux mehtieg li ssir indagini ulterjuri dwar l-allegazzjonijiet l-ohra tal-konvenuta rikonvenzjonanti.

Ghaldaqstant il-Qorti qed tiddeciedi illi l-attur rikonvenzjonat kien unikament responsabbli ghat-tkissir taz-zwieg tal-partijiet minhabba adulterju u abbandun.

**Kura u Kustodja tal-Ulied.**

Ulied il-partijiet, Kayleigh u Nicole, llum ghandhom 21 sena u 19-il sena rispettivament. Ghalhekk it-talbiet fir-rigward ta' kura, kustodja u access m'humiex aktar mehtiega in kwantu huma t-tnejn illum maggorenni.

**Manteniment ghall-Ulied**.

Dwar it-talba tal-konvenuta rikonvenzjonanti ghall-manteniment tal-ulied, jirrizulta illi Nicole qed tattendi kors ta' studju full-time gewwa l-Universita' ta' Malta.

Il-Perit Legali irrakkomanda illi l-konvenuta ghandha tigi akkordata manteniment u li fil-quantum ghandu jittiehed kont li maghha ghadhom qed jirrisjedu z-zewg ulied maggorenni li wahda minnhom hi studenta full-time.

L-attur qed joggezzjona li ghandu jigi kkundannat ihallas lill-konvenuta manteniment ghal ulied li llum huma maggorenni, ghalkemm hu pacifiku li jirrisjedu ma' ommhom.

**Artikolu 3B tal-Kap. 16**

*1) Iż-żwieġ jimponi fuq il-miżżewġin l-obbligu li jieħdu ħsieb, imantnu, jgħallmu u jedukaw lill-ulied li jiġu miż-żwieġ skont il-ħila, xeħtiet naturali u aspirazzjonijiet tal-ulied.*

*(2) L-obbligu li l-ġenituri għandhom li jipprovdu l-manteniment skont is-subartikolu (1) jinkludi ukoll l-obbligu illi, skont il-mezzi tagħhom, u fejn ma*

*jkunx raġonevolment possibbli li l-ulied, jew min minnhom, imantnu lilhom infushom kif xieraq, ikomplu jipprovdu manteniment adegwat lill-ulied:*
*(a) li jkunu studenti li qegħdin jipparteċipaw f'edukazzjoni, taħriġ jew tagħlim full-time u huma taħt l-età ta' tlieta u għoxrin sena; jew.............."*

L-abbli Perit Legali ghamel referenza ghall-gurisprudenza l-aktar recenti li tirritjeni illi meta wild maggorenni jkun ghandu student full-time, taht it-23 sena u jghix ma' genitur, dak il-genitur ghandu dritt jitlob minghand il-genitur l-iehor manteniment fir-rigward tal-wild maggorenni sakemm dawk ic-cirkostanzi jippersistu. (vide "**Giovanna sive Jane Bianco vs Carmelo Bianco**" u "**Nathalie Saliba vs Arthur Saliba**" decizi mill-Qorti tal-Appell fit-25 ta' Ottubru 2013 u fit-28 ta' Gunju 2013 rispettivament.) Il-Perit Legali qed jirrakkomanda illi l-Qorti m'ghandiex tillikwida ammont ta' manteniment referibbli ghall-minuri distint mill-ammont ta' manteniment li talvolta jista' jkun dovut lill-konvenuta.

Il-Qorti hi tal-fehma illi sakemm ulied il-partijiet m'ghalqux 23 sena u jkunu studenti full-time u jkunu jirrisjedu ma' ommhom il-konvenuta, l-attur rikonvenzjonat hu fl-obbligu statutorju li jhallas lill-konvenuta manteniment referibbli ghalihom, distint mill-manteniment li tirreklama ghaliha l-konvenuta.

Il-quantum ser jigi determinat aktar 'l isfel.

**Manteniment ghall-Konvenuta**.

Il-Perit Legali ghamel sunt car tal-provi mressqa sa meta gie redatt ir-rapport peritali rilevanti ghat-talba tal-konvenuta rikonvenzjonanti ghall-manteniment ghaliha. Ghall-pratticita' ser tigi hawn riprodotta:-

"Illi mill-provi prodotti jirrizulta............... fol 1141 .................1,503.96".

Fl-udjenza tas-27 ta' Settembri 2016 regghu xehdu l-partijiet dwar id-dhul attwali taghhom..

L-attur xehed illi huwa tilef l-impieg tieghu minn mal-kumpanija "Mistra Development" b'effett mill-31 ta' Ottubru 2015 u li sa meta kien qed jixhed, hdax-il xahar wara ma kienx ghadu sab impieg. Xehed ukoll li ma kienx qed jirregistra ghax-xoghol u li kien qed ihallas il-manteniment ordnat permezz tad-digrieti pendente lite minn dak li kien gemma qabel waqaf jahdem.

B'rikors pprezentat fit-23 ta' Novembru 2016 il-konvenuta prezentat rikors fejn talbet is-sospensjoni tal-prolazzjoni tas-sentenza peress li kien irrizultalha li l-attur kien sab impieg. Ghalhekk il-Qorti ordnat li jingiebu provi fir-rigward.

Fid-9 ta' Jannar 2017 l-attur ipprezenta kopja tal-kuntratt ta' impieg tieghu mal-kumpanija W & M Zammit Tabona Limited iffirmat fit-18 ta' Ottubru 2016 minn fejn jirrizulta li ghandu salarju gross annwu ta' erbghin elf ewro (Euro 40,000) oltre beneficcji ohra elenkati fil-paragrafi 22 sa 24 tal-kuntratt1.[65] Ipprezenta wkoll skambju ta' messaggi elettronici bejnu u bintu fejn din ta' l-ahhar tindika li ommha qeghda ix-xoghol. Il-partijiet regghu xehdu fl-udjenza tal-24 ta' Jannar 2017 fejn l-attur ikkonferma l-impieg il-gdid tieghu filwaqt li l-konvenuta xhedet illi kienet ghamlet zmien tahdem billi taghmel promotions fis-supermarkets ghal xi prodotti izda qalet li waqfet tahdem minhabba l-impenji tad-dar u tat-tfal. Qalet li kellha tieqaf peress li ma setghatx tlahhaq mad-dar u mat-tfal.

Il-Qorti mhiex temmen din l-ahhar xhieda tal-konvenuta ghaliex it-tfal gia' kienu hemm qabel sabet l-impieg u ma gara xejn straordinarju sabiex jiggustifika li minn jeddha tieqaf tahdem. Il-Qorti ma rat l-ebda raguni valida ghaliex il-konvenuta kellha minn jeddha tieqaf minn dan l-impieg.

Ghalkemm il-Qorti mhiex temmen li l-konvenuta waqfet tahdem, huwa evidenti illi l-kapacita' lavorativa tal-konvenuta huwa ferm ridott meta komparat ma' dak tal-attur. L-impiegi li l-konvenuta kellha fil-passat recetenti kienu impiegi part-time bhala 'salesperson' b'salarju baxx.

Il-konvenuta ghad ghandha zewg zghazagh jirrisjedu maghha fid-dar li qed jistudjaw full-time. Dan l-istat ta' fatt jitfa piz fuq il-konvenuta li jehtigilha tiddedika hin id-dar sew biex izzomm id-dar kif ukoll sabiex taqdi l-htigijiet taz-zewg ulied.

Maghmula dawn il-konsiderazzjonijiet il-Qorti hi tal-fehma illi tenut kont illi l-konvenuta qattghet snin twal tiddedika l-energija kollha taghha sabiex tiehu hsieb il-familja u d-dar u ma kellhiex impieg barra d-dar; tenut kont il-limitazzjoni li l-konvenuta ghandha f'dak li hu potenzjal lavorattiv; tenut kont illi l-attur ghandu impieg li jiggenera salarju tajjeb; tenut kont illi l-attur qed jinstab unikament hati ghat-tkissir taz-zwieg; u tenut kont il-livell ta' ghixien gholi li l-konvenuta kienet tgawdi qabel ma l-attur abbanduna d-dar matrimonjali, l-Qorti qed tikkundanna lill-attur ihallas lill-konvenuta bhala manteniment ghaliha s-somma ta' tlett mija u hamsin ewro (Euro350) fix-xahar b'effett millum b'dan illi l-manteniment pagabbli sallum ghandu jibqa' regolat bid-digrieti pendente lite. Il-manteniment hawn ordnat jizdied kull sena skont l-indici tal-gholi tal-hajja.

Fir-rigward taz-zewg ulied il-Qorti qed tikkundanna lill-attur ihallas lill-konvenuta bhala manteniment ghaz-zewg ulied tal-partijiet is-somma ta' mitejn

[65] Fol. 1256

ewro (Euro 200) ghal kull wild, liema manteniment jieqaf jekk il-kondizzjonijiet imsemmija fl-artikolu 3B fuq imsemmija ma jkunux ghadhom jissussistu.

In vista ta' dak hawn deciz il-Qorti qed tichad ir-rikors tal-attur tad-29 ta' Frar 2016 li b'digriet tat-23 ta' Marzu 2016 kien thalla sabiex jigi deciz mas-sentenza finali.

**Komunjoni tal-Akkwisti**.

B'sentenza moghtija minn din il-Qorti fl-10 ta' Dicembru 2014 il-komunjoni tal-akkwisti ta' bejn il-partijiet giet terminata.

Jonqos ghalhekk illi ssir il-likwidazzjoni u divizzjoni tal-istess.

L-attiv u l-passiv tal-komunjoni huma s-segwenti:-

(i) kont kurrenti f'isem l-attur bin-numru 26166.10001 ma' Banif Bank. Rendikont ġie eżebit u jinsab immarkat bħala "Dok CF1"[66].
(ii) kont kurrenti f'isem l-istess attur bin-numru 26166.10.002 ma' Banif Bank. Rendikont relattiv ġie eżebit u immarkat bħala "Dok CF2"[67].
(iii) kont savings fuq isem l-attur bin-numru 26166.18.001 ma' Banif Bank, li dwaru ġie eżebit rendikont, immarkat bħala "Dok CF3"[68].
(iv) kont *90-day notice account* mal-Bank of Valletta, bin-numru 40016925948 f'isem l-attur, li huwa deżinjat "A/C Kayleigh". Dan għadu attiv u hemm bilanċ fih, kif jidher mir-rendikont li ġie eżebit bħala "Dok RA7"[69].
(v) kont *90-day notice account* mal-Bank of Valletta, bin-numru 40016926918 f'isem l-attur, li huwa deżinjat "A/C Nicole". Dan ukoll għadu attiv u hemm bilanċ fih, kif jidher mir-rendikont li ġie eżebit bħala "Dok RA8"[70].
(vi) Il-kont *House Loan* bin-numru 40010684272 f'isem entrambi l-kontendenti li għadu attiv u għad baqa' bilanċ favur il-Bank of Valletta fl-ammont ta' €71,402.60, kif jidher mir-rendikont li eżebit bħala "Dok RA9"[71]. Skont rendikonti aġġornati u li dwarhom hemm qbil bejn il-kontendenti, l-bilanċ f'April 2015 hu ta' €77,710.39[72].
(vii) Il-kont Current Budget Account f'isem entrambi l-kontendenti, bin-numru 40014276699, li huwa attiv, u fih bilanċ favur il-Bank of Valletta ta' €26,596.43,

[66] A folio 383 (Vol.III).
[67] A folio 385 (Vol.III).
[68] A folio 390 (Vol.III).
[69] A folio 485 (Vol.III).
[70] A folio 490 (Vol.III).
[71] A folio 495 (Vol.III).
[72] A folio 965 (Vol.IV).

kif jidher mir-rendikont li ġie eżebit bħala "Dok RA13"[73]. F'April 2015 il-bilanċ favur il-Bank kien ta' €21,991.31.

Il-kont Consumer Loan f'isem entrambi l-kontendenti, bin-numru 40014982352, li għadu attiv u li fih żbilanċ ta' €16,153.60, favur il-Bank of Valletta, kif jidher

(viii) mir-rendikont relattiv eżebit bħala "Dok RA15"[74]. F'April 2015 il-bilanċ kien ta' €17,920.25.

(ix) Il-kont Consumer Loan f'isem entrambi l-kontendenti, bin-numru 40016929452, li għadu attiv u li fih bilanċ favur il-Bank of Valletta ta' €20,052.40, kif jidher mir-rendikont relattiv eżebit bħala "Dok RA16"[75]. F'April 2015, il-bilanċ kien ta' €18,283.

(x) Il-kont Consumer Loan f'isem entrambi l-kontendenti, bin-numru 40019100676, li huwa attiv u li fih bilanċ favur il-Bank of Valletta ta' €14,414.31, kif jidher mir-rendikont eżebit bħala "Dok RA17"[76]. F'April 2015, il-bilanċ kien ta' €5,801.95.

(xi) Il-kont Credit Card Loan f'isem entrambi l-kontendenti bin-numru 40021536856, li għadu attiv u fih bilanċ favur il-Bank of Valletta ta' €11,037.66, kif jidher mir-rendikont eżebit bħala "Dok RA18"[77]. F'April 2015, il-bilanċ kien ta' €285.79.

(xii) safety deposit locker f'isem l-attur fil-fergħa ta' Qormi tal-Bank of Valletta[78].

(xiii) vettura tal-marka Volkswagen Polo bin-numru ta' reġistrazzjoni MER715[79].

(xiv) vettura tal-marka Alfa Romeo 159 bin-numru ta' reġistrazzjoni ANT166[80].

(xv) il-*penthouse* kostruwita fil-quċċata tal-blokk ta' bini kostruwit mill-kontendenti minflok il-fond urban 113, fi Triq ir-Ratal, Swieqi, u garaxx sottostanti l-istess blokk ta' bini.

(xvi) poloz t'assikurazzjoni.

(xvii) pretensjoni ta' l-attur għall-kumpens għal tkeċċija nġusta kontra Smart City Malta Ltd, liema pretensjoni għadha *sub judice* quddiem it-Tribunal Industrijali[81].

Fil-mori tal-kawza l-partijiet biegħu appartament li kien ġie kostruwit fuq il-proprjeta' fl-Ibraġġ, u permezz tar-rikavat tħallsu għas-saldu kemm id-dejn mal-Banif Bank u kemm id-djun fl-ammont ta' €3,010 lill-kumpannija Coleiro

[73] A folio 517 (Vol.III).
[74] A folio 655 (Vol.III).
[75] A folio 663 (Vol.III).
[76] A folio 669 (Vol.III).
[77] A folio 673 (Vol.III).
[78] Ara x-xiehda ta' Romuald Attard a folio 370 (Vol.III).
[79] Skont l-attur (a folio 822 ta' Vol.IV), il-valur ta' din il-vettura huwa €7,200.
[80] Ara "Dok SC" a folio 706 (Vol.IV). Skont l-attur (a folio 822 ta' Vol.IV), il-valur ta' din il-vettura fis-sena 2014 kien ta' €13,000.
[81] A folio 923 (Vol.IV).

General Supplies Ltd u fl-ammont ta' €24,564.41 lill-kumpannija SAW Limited[82]. Sar ukoll ħlas akkont lil Bank of Valletta plc fl-ammont ta' €32,526.34. L-uniku passiv rimanenti gravantu l-komunjoni huwa dejn dovut lill-istess Bank of Valletta.

Dwar l-azzjoni li l-attur qed jiehu kontra Smart City Malta Limited ghall-kumpens relattiv, tali azzjoni tirreferi ghaz-zmien meta bejn il-partijiet kien hemm vigenti l-komunjoni tal-akkwisti. Fl-eventwalita' li l-attur ikollu success f'dik il-kawza u jinghata kumpens, tali kumpens jifforma parti mill-assi tal-komunjoni tal-akkwisti li kienet ezistenti fiz-zmien li fih l-attur qed jallega li gie mkecci ingustament. Ghalhekk kwalunkwe kumpens li talvolta Smart City Malta Limited tigi kkundannata li thallas ghandu jigi diviz bejn iz-zewg partijiet f'sehem indaqs bejniethom.

Illi tilwima oħra bejn il-kontendenti u relattiva għal-likwidazzjoni u għad-diviżjoni tal-komunjoni ta' l-akkwisti hija dik rigward ċertu spejjeż inkorsi mill-attur wara l-firda *de facto* tal-kontendenti.. L-attur eżebixxa dokument li jinsab eżebit a folio 967, u dan id-dokument jirreferi għal rendikont bankarju immarkat mill-konvenuta u li jinsab eżebit a folio 972. Fid-dokument tiegħu, l-attur indika liema spejjeż hu qed jaċċetta illi għandhom jiġu reintegrati fil-komunjoni ta' l-akkwisti, u liema spejjeż skont hu m'għandhomx jiġu reintegrati.

Illi rigward dawk il-partiti li dwarhom l-attur qabel li ssir ir-reintegrazzjoni, qed jigi ordnat li jirreintegra l-istess fil-komunjoni ta' l-akkwisti. Dwar il-partiti l-oħrajn li huma kontestati mill-attur, ma tresqux provi mill-konvenuta sabiex jiggustifikaw il-pretensjoni taghha fir-rigard u ghalhekk fil-konfront taghhom it-talba tal-konvenuta sabiex tali fondi jidhlu fil-komunjoni qed tigi respinta.
Illi l-partiti aċċettati mill-attur u li għandhom jiġu minnu reintegrati jammontaw flimkien għal €11,141.30. Tali reintegrazzjoni sseħħ billi l-attur jirrifondi lill-komunjoni ta' l-akkwisti din iċ-ċifra, li eventwalment tiġi diviża mal-bqija ta' l-assi tal-komunjoni ta' l-akkwisti. Billi l-flus in kwistjoni ittieħdu mill-kont konġunt li fih passiv favur Bank of Valletta plc, l-attur għandu jħallas lura din is-somma fl-istess kont.

L-immobbli li jifforma parti mill-assi tal-komunjoni jikkonsisti f'penthouse u garaxx gewwa l-Ibragg. Ma hemmx qbil bejn il-partijiet dwar il-valur taz-zewg proprjetajiet. Peress li mhux komodament divizzibbli jehtieg li ssir licitazzjoni tal-istess. Sabiex taghti l-opportunita' li l-proprjeta' ggib l-ahjar prezz possibbli ghall-partijiet il-Qorti qed tordna illi l-bejgh b'licitazzjoni m'ghandux isehh qabel sentejn millum.

---

[82] Ara x-xiehda ta' Joseph Cacopardo a folio 704 (Vol.IV).

Illi dwar il-kontijiet bankarji, jidher li hemm qbil li kull wieħed mill-kontendenti jżomm il-kont intestat f'ismu, filwaqt illi l-kont in komun bin-numru 40014276699, u li fih bilanċ favur Bank of Valletta plc, ghandu jithallas miz-zewg partijiet f'sehem indaqs bejniethom.

Dwar il-vetturi dawn ghandhom isejhu lil min mill-partijiet ghandu l-licenzja fuq ismu jew isimha.

Illi dwar il-poloz t'assikurazzjoni eżistenti f'isem l-attur, l-attur isostni li dawn għandhom jiġu assenjati lilu bil-kondizzjoni illi fi żmien utili, dawn jiġu likwidati u r-rikavat investit f'isem l-ulied skont l-arbitriju prudenti ta' l-attur. Il-konvenuta min-naħa l-oħra ssostni li dawn il-poloz t'assikurazzjoni jistgħu jiġu assenjati lill-attur, purche' dan iħallas lura nofs l-ispejjeż inkorsi waqt iż-żwieġ b'rabta ma' l-istess poloz. Fil-fehma tal-Qorti l-konvenuta m'ghandiex dritt tirreklama nofs il-premiums li thallsu.

Illi finalment, il-konvenuta avvanzat pretensjoni fis-sens illi l-pagamenti tal-manteniment li ħarġu mill-kont konġunt tal-kontendenti għandhom jiġu rifużi lura. Tali pretensjoni ma fiha l-ebda fondament legali u qed tigi respinta.

Ghalhekk il-likwidazzjoni qed tigi ordnata bil-mod segwenti:-

1. Il-kontijiet bankarji kollha li jinsabu intestati individwalment fuq isem wieħed jew wahda mill-kontendenti għandhom jiġu assenjati skont fuq min il-kont bankarju huwa intestat.

2. Il-kont bankarju konġunt bin-numru 40014276699 fi ħdan Bank of Valletta plc, u li fih passiv favur l-istess Bank, għandu jibqa' konġunt bejn il-kontendenti illi għandhom iħallsu l-istess passiv flimkien f'sehem indaqs;

3. L-attur għandu jivversa fl-istess kont bankarju konġunt is-somma ta' €11,141.30;

4. Kwalunkwe vettura licenzjata f'isem xi hadd mill-partijiet qed tigi assenjata lilu jew lilha skont f'isem min hi licenzjata.

5. Id-dar konjugali bil-mobbli ta' ġewwa fiha u l-garaxx sotterran għandhom jinbiegħu mill-kontendenti fis-suq miftuħ, u għal dan il-għan qed jinghata terminu ta' sentejn millum. F'kaz li t-terminu jiddekorri minghajr ma jkun sar il-bejgh fis-suq liberu, kull parti tista' titlob in-nomina ta' perit arkitett sabiex jaghti stima, u eventwalment issir it-talba ghall-bejgh b'licitazzjoni. Ir-rikavat tal-bejgħ għandu jinqasam f'ishma ugwali bejn il-kontendenti wara illi jitħallas il-passiv kollu tal-komunjoni ta' l-akkwisti;

6. Kull ammont li jista' jiġi likwidat favur l-attur bħala kumpens pagabbli minn Smart City Malta Limited ikun jifforma parti mill-komunjoni ta' l-akkwisti u diviz bejn iz-zewg partijiet f'sehem indaqs s bejniethom.

**Dekadenza ai termini tal-Artikolu 48, Kap. 16**.

Una volta l-attur qed jinstab hati ghat-tkissir taz-zwieg minhabba adulterju u abbandun, is-sanzjonijiet kontemplati fl-artikolu 48 tal-Kap. 16 huma awtomatici u ma hux moghti fid-diskrezzjoni tal-Qoti li ma tapplikhomx f'dawn ic-cirkostanzi. Ghaldaqstant qed tapplika fil-konfront tal-attur rikonvenzjonat is-sanzjonijiet kollha kontemplati fl-Artikolu 48 tal-Kapitolu 16.

**Divorzju**.

Kif rajna l-ewwel talba attrici ghal separazzjoni personali giet konvertita ghal talba ghad-divorzju bis-sahha ta' sentenza in parte moghtija fil-11 ta' Lulju 2013.

Peress illi l-partijiet ilhom separati de facto ghal aktar minn erba' snin u l-konvenuta ma resqitx ragunijiet ghaliex id-divorzju m'ghandux jigi pronunzjat, it-talba qed tigi akkolta.

**Decide**.

Ghal dawn il-motivi l-Qorti qed tiddeciedi l-kawza u l-kontro-talba billi prevja li tilqa' u tichad l-eccezzjonijiet sollevati mill-partijiet konformement ma' dak hawn deciz;

1. Tichad l-ewwel u t-tlettax-il talba attrici.

2. Tilqa' t-tieni talba attrici kif konvertita bis-sentenza in parte tal-11 ta' Lulju 2013, u tilqa' l-ewwel talba rikonvenzjonali , tippronunzja s-separazzjoni personali ta' bejn il-partijiet ghal ragunijiet unikament imputabbli lill-attur rikonvenzjonat minhabba adulterju u abbandun u konsegwentement tippronunzja l-hall taz-zwieg civili ossia d-divorzju ta' bejn il-partijiet

3. Tiddikjara l-mertu tat-tielet u r-raba' talba attrici u tas-seba' talba rikonvenzjonali ezawrit.

4. Tilqa' in parte il-hames talba attrici u tilqa' is-sitt talba rikonvenzjonali, u tordna lill-attur rikonvenzjonat ihallas lill-konvenuta rikonvenzjonanti l-

manteniment stabbilit supra taht l-intestatura “Manteniment ghall-Ulied” u taht l-intestatura “Manteniment ghall-Konvenuta”.

5. Tilqa’ is-sitt talba attrici u t-tielet u r-raba talba rikonvenzjonali bil-mod kif deciz taht l-intestatura “Komunjoni tal-Akkwisti”.

6. Tilqa’ in parte s-seba’ talba attrici bil-mod deciz taht l-intestatura “Komunjoni tal-Akkwisti”.

7. Tichad it-tmien, id-disa’, l-ghaxar, u l-hdax-il talba attrici.

8. Tichad it-tnax-il talba attrici peress li ma rrizultawx beni dotali u parafernali tal-attur.

9. Tilqa’ l-erbatax-il talba attrici.

10. Tichad il-hames talba rikonvenzjonali.

11. Tilqa’ in parte it-tmien talba rikonvenzjonali u tawtorizza lill-konvenuta tirrisjedi fil-fond matrimonjali sal-jum li fih isir il-bejgh tal-istess.

Bl-ispejjez kontra l-attur.

**Imhallef** **Deputat Registratur**